# Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

Malta

Biex issib iktar informazzjoni nazzjonali dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, jekk jogħġbok ikklikkja waħda mil-links hawn taħt:

1. Aċċess għall-ġustizzja fil-livell tal-Istati Membri
2. Aċċess għall-ġustizzja li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-VIA (Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali), IPPC/IED (Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC) id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali), aċċess għall-informazzjoni u l-ELD (id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali)
3. Regoli rilevanti oħra dwar appelli, rimedji u aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

L-aħħar aġġornament: 03/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Aċċess għall-ġustizzja fil-livell tal-Istati Membri

### 1.1. Ordinament ġuridiku - sorsi tal-liġi ambjentali

**1) Introduzzjoni ġenerali għas-sistema għall-protezzjoni tal-ambjent u d-drittijiet proċedurali tal-persuni (fiżiċi, ġuridiċi, NGOs - organizzazzjonijiet mhux governattivi) fl-ordinament ġuridiku nazzjonali speċifiku**

Is-sistema legali Maltija hija magħmula minn sistema hekk msejjħa mħallta ; il-liġi ċivili kontinentali , b-elementi tal-liġi komuni Ingliża. Il-liġi Maltija għandha l-għeruq tagħha fil-liġi Rumana filwaqt illi l-liġi pubblika għandha l-għeruq tagħha f'dik Ingliża. Is-sorsi tal-liġi Maltija huma; l-kostituzzjoni, il-kodiċi, l-Atti tal-Parlament ,ligijiet sussidjarji li jistgħu jiġu ppublikati bis-saħħa ta'dawn l-atti Parlament, ligijiet tal-EU li jistgħu jiġu applikati b'mod dirett flimkien ma' konvenzjonijiet internazzjonali li ġew ratifikati. Il-Qrati f'Malta huma maqsumin f'żewġ kategoriji dawk Superjuri u dawk Inferjuri u hemm distinzjoni bejn dawk ċivili u dawk kriminali. Il-Qrati superjuri huma magħmulin mill-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti Tal-Appell, il-Qorti Tal-Appell Kriminali , Il-Qorti Kriminali u dik Ċivili. Filwaqt li il-Qrati Inferjuri huma il-Qorti tal-Maġistrati Malta u l-Qorti tal-Maġistrati Għawdex. Din ta'l-aħħar però għandha ġurisdizzjoni kemm superjuri kif ukoll inferjuri.

Il-Qorti Kostituzzjonali, li tista' tissejjah l-ogħla qorti ta' Malta, tisma' kawżi li jirrigwardaw id-drittijiet kostituzzjonali u dawk rigward d-drittijiet umani. Il-kawżi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ksur tad-drittijiet umani jinstemgħu mill-Prim Awla tal-Qorti ċivili u imbagħad il-Qorti Kostituzzjonali sservi bħala Qorti Tal-Appell u l-aħħar istanza.

Il-ġudikatura tikkonsisti f'żewġ kategoriji; l-Imħallfin li jpoġġu fil-Qrati Superjuri u l-Maġistrati li jpoġġu f'dawk Inferjuri u jmexxu l-inkjesti kriminali.

Il-kawża ċivili jew kriminali tista' tinfetaħ quddiem il-qrati inferjuri skond il-kompetenza. Fil-parti l-kbira ż-żewġ partijiet fil-kawża jistgħu jappellaw mid-deċiżjonijiet mogħtija u jmorru quddiem il-Qorti tal-Appell.

L-entita prinċipali li tirregola l-oqsma ambjentali hija l-Awtorità tar-Riżorsi u L-Ambjent hekk imsejħa ERA. Deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet oħra bħall-Awtorità tal-iPpjanar (PA) ukoll jistgħu jkollhom effett ukoll fuq l-ambjent. Fil-passat dawn l-awtoritajiet kienu magħqudin f'awtorità waħda; L-Awtorità ta'Malta Għall-Ambjent u l-ippjanar (MEPA), issa il-fatt li ġew mifrudin jassigura illi l-funzjonijiet u r-rwoli taż-żewġ entitajiet huma separati u regolati minn leġislazzjoni għalihom.

**L-Awtorità Tar-Riżorsi u L-Ambjent(ERA)** hija l-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tal-ambjent taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (kap. 549).Ir-rwol tagħha huwa li tipproteġi l-ambjent Malti għal kwalità ta' hajja sostenibbli. L-għanijiet tal-ERA huma kif ġej; jgħinu t-twettiq tal-oġġettivi ambjentali sew fis-soċjetà kif ukoll fil-qasam governattiv; għandha wkoll ikollha rwol f'dak li huwa pariri lill-gvern fuq deċiżjonijiet ambjentali fuq livell nazzjonali, flimkien ma' deċiżjonijiet f'negozjati ambjentali internazzjonali; għandha tgħin biex tiżviluppa politika bażata fuq eżempji flimkien ma'strutturi b'saħħithom għall-ġbir ta' informazzjoni; għandha tħejji pjanijiet, u tipprovdi l-għoti ta'liċenzji u monitoraġġ ta'attivitajiet li jista''jkollhom impatt ambjentali u li tinkludi konsiderazzjonijiet ambjentali fil-proċess ta'kontroll tal-iżvilupp. L-att dwar il-protezzjoni tal-ambjent (kap 549) hija l-liġi prinċipali li tirregola l-operazzjoni tal-ERA.

**l-Awtorità tal-Ippjanar** għandha r-rwol li toħroġ il-permessi għall-iżvilupp kif ukoll tirregola l-proċess tal-għoti tal-istess permessi. l-awtorità għandha wkoll rwol fid-deċiżjonijiet ta'kif għandha tintuża l-art.l-awtorità tal-ippjanar hija regolata mill-att dwar l-iżvilupp u l-ippjanar(kap 552 tal-ligijiet ta'Malta).

Il-ġustizzja f'kwistjonijiet ambjentali tingħata primarjament mit-Tribunal Għal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT) li kien ġie stabbilit fl-2010.It-tribunal huwa regolat mill-att dwar It-Tribunal Għal-Ambjent u L-Ippjanar(kap 551 tal-Liġijiet Ta'Malta).

Il-Kap 551 jiddistingwi bejn deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità tal-ambjent u r-riżorsi (ERA) u l-awtorità tal-Ippjanar (PA) . Id-deċiżjonijiet meħudin mill-awtorità tal-ippjanar li jistgħu jiġu appellati quddiem l-EPRT huma imniżżlin fl-Art.11 tal-Kap 551.

Fil-każ ta' deċiżjonijiet meħudin mill- ERA, l-Artiklu 47 tal-Kap 551 u l-Artiklu 63 tal-Att Dwar Il-Protezzjoni Ambjentali (Kap 549), jipprovdu għad-dritt ta' persuna aggravata li tikkontesta dawn id-deċiżjonijiet quddiem l-EPRT. Ta'min jinnota illi min jappella jista' jkun mhux biss l-applikant imma wkoll terz li m' hemmx għalfejn ikollu interess ġuridiku fit-termini ċivili , imma irid jagħti biss raġunijiet fuq bażi ambjentali biex jiġġustifika l-appell tiegħu.

Fil-każijiet kollha, d-definizzjoni ta'persuna tinkludi assoċjazzjoni jew organizzazzjoni ,sew jekk hi reġistrata bħala persuna legali jew le u tinkludi NGO.

Il-**Qorti Tal-Appell** hija l-Qorti li tiddeċiedi l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-EPRT.

Il-**Qrati Ċivili Maltin** (Prim awla Tal-Qorti Ċivili) jistgħu jirrevedu form' oħra ta'deċiżjonjiet, ċioe dawk amministrattivi taħt l-Artiklu 469A tal-kap 12 il-Kodiċi Tal-Organizzazzjoni U Proċedura Ċivili. Dan l-artiklu jagħti jedd lill-Qrati Ċivili jinvestigaw il-validità ta'deċiżjonijiet amministrattivi u tiddikjara dawn l-atti nulli , invalidi jew mingħajr effett, biss fejn dawn l-azzjonijiet imorru kontra l-Kostituzzjoni Ta'Malta, jew meta jmorru ultra vires fil-każijiet speċifikament imsemmija fis-sub artiklu (1) (b) tal-artiklu 469A.

Il-Qorti Kostituzzjonali għandha kemm l-ewwel istanza kif ukoll appell. Bħala Qorti Tal-Appell hi tisma' appelli minn deċiżjonijiet ta'qrati oħrajn fuq kwistjonijiet fejn tidhol l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni u l-validità tal-liġijiet, kif ukoll appelli minn allegat ksur tad-drittijiet umani. Bħala Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali tista' tiddeċiedi kwistjonijiet dwar il-validità fl-elezzjonijiet tal-membri tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament, il-bżonn f'ċertu każijiet li membru tal-istess kamra iħalli s-siġġu tiegħu fl-istess kamra u l-validità tal-ħatra tal-Ispeaker minn nies li mhumiex membri tal-istess kamra. Bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni proprja , il-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi kawżi li jirrigwardaw il-validità tal-elezzjonijiet ġenerali , inkluż allegazzjonijiet ta' mġieba illegali jew korruzzjoni jew indħil barrani. Ma jistax isir appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fil-ġurisdizzjoni oriġinali.

Ċerti liġijiet sussidjarji wkoll jipprovdu aċċess għall-ġustizzja f'ċerti każijiet, bħal ngħidu aħna r-Regolamenti dwar Il-Libertà' ta' Access Għal Informazzjoni Dwar L-Ambjent (SL 549.39) li jipprovdu żewġ forom ta'appell lill-applikant li jkun talab xi informazzjoni ta'natura ambjentali u li baqa' mhux sodisfatt bit-tweġiba. L-applikant jista' jappella lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data skond ir-regola 12 , jew lill-EPRT skond ir-regola 11 A .F' din tal-aħħar it-Tribunal huwa obbligat li jżomm seduta fiż-żmien sitt ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-Appell

**2) Id-dispożizzjonijiet ewlenin dwar il-liġi ambjentali u l-aċċess għall-ġustizzja fil-kostituzzjoni nazzjonali (jekk applikabbli), inklużi d-drittijiet proċedurali**

Il-Kostituzzjoni fiha dikjarazzjoni ta'prinċipji li tinkludi referenza għall-obbligazzjonijiet tal-Istat

għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent u r-riżorsi tiegħu għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet tal-lum u dawk tal-futur, għall-prevenzjoni tad-degradazzjoni ambjentali u biex jippromovi, jgħożż u jagħti sostenn lid-dritt ta'azzjoni favur l-ambjent[1]. Però, kif dikjarat fl-artiklu 21 tal-kostituzzjoni din mhix inforzabbli..

L-artikolu 33 tal-kostituzzjoni jipproteġi d-dritt għall-ħajja ta'kull ċittadin bħala dritt fundamentali tal-bniedem. Il-kliem użat fil-liġi jista''jiġi interpretat b'mod wiesgħa li jinkludi d-dritt għal ambjent b'saħħtu bħala aspett tad-dritt għall-għixien. Sal-lum għadu ma kien hemm l-ebda kawża li qajmet dal-punt fis-sens illi d-dritt għall-ħajja jinkludi d-dritt għall-ambjent b'saħħtu.

L-artiklu 41 jipprovdi wkoll għad-dritt tal-espressjoni, jinkludi d-dritt tirċievi ideat u informazzjoni mingħajr indħil.

L-artikolu 46 jipprovdi d-dritt li ssir kawża kostituzzjonali kontra l-gvern meta jsir ksur tad-drittijiet umani.

Il-kostituzzjoni fiha wkoll regoli li jiggarantixxu drittijiet ta'proċedura bħall-bżonn li t-tribunali li jiddeċiedu d-drittijiet ċivili (inkluż dawk ambjentali) jkunu imparzjali.

Il-Kostituzzjoni tinkludi wkoll id-dritt ta' smiegħ imparzjali u fi żmien xieraq. Dan jinkludi l-ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Barra minn hekk fil-KZostituzzjoni[2] hemm inkluż d-dritt tal-"*actio popolaris*" jew azzjoni popolari jew kawża miftuħa minn gruppi ta'nies fejn liġi tista' tiġi attakkata u dikjarata mhux valida għal raġunijiet ta'interess pubbliku. Eżempju ta'din it-tip ta'azzjoni tkun meta ngħidu aħna jkun hemm allegazzjoni li hemm liġi li ma ġietx approvata mill-Parlament jew mill-ministru konċernat skond ir-regoli tal-proċedura.

**3) L-Atti, il-Kodiċijiet, id-Digrieti, eċċ. - id-dispożizzjonijiet ewlenin dwar l-ambjent u l-aċċess għall-ġustizzja, il-kodiċijiet u l-atti nazzjonali**

Fl-isfera ġudizzjarja Maltija hemm ħames mezzi prinċipali li l-individwu, assoċjazzjonijiet u NGO jistgħu jieħdu biex jkollhom aċċess għall-ġustizzja fil-qasam ambjentali. Dawn huma kif ġej;

Access għall-informazzjoni;

Parteċipazzjoni tal-pubbliku fid-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent;

Id-dritt tal-appell f'deċiżjonijiet li għandhom jaqsmu mal-ambjent;

Id-dritt ta'azzjoni ġudizzjarja f'każ ta'azzjoni jew nuqqas ta'azzjoni tal-awtoritajiet;

Id-dritt ta'azzjoni biex liġi tiġi dikjarata invalida.

Il-ligijiet li għandhom x'jaqsmu ma'dawn it-tipi ta'azzjoni huma mniżżla hawn taħt. Huma miġburin skont il-kategoriji fuq imsemmija;

**Ġenerali**

L-Att Dwar Il-Protezzjoni Tal-Ambjent (Kap549) u L-att Dwar L-Ippjanar tal-Iżvilupp

**Access għall-informazzjoni**

Regolamenti dwar il-Libertà'ta'Aċċess Għal Informazzjoni dwar l-Ambjent (SL. 549.39)

Att Dwar il-Libertà Tal-Informazzjoni (Kap 496)

**Parteċipazzjoni Pubblika**

Regolamenti Dwar Il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali.(S.L.549.46)

Regolamenti Dwar Stima Ambjentali Strateġika (S.L. 549.61)

Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali
(S.L. 549.77)

Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi (S.L.549.41)

Regolamenti Dwar Pjan Ta'Azzjoni Fil-Qasam Tal-Politika Tal-Ilma (S.L.549.100)

Regolamenti Dwar l-Obbligazzjonijiet ta'Rappurtaġġ lir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta'Inkwinanti.(S.L.549.47)

Regolamenti Dwar il-Kontroll ta'Perikli ta'Inċidenti Kbar(S.L.424.19)

Regolamenti Dwar l-Ippjanar Tal-iżvilupp(Proċedura ta'Applikazzjonijiet u D-Deċiżjoni Relattiva) (S.L.552.13)

**Access Għall-Ġustizzja -Appell**

Att dwar it-Tribunal ta'Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar (Kap.551)

Att Dwar Il-Ġustizzja Amministrattiva

Kodiċi Tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12)

Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 586)

**Access Għall-Ġustizzja- Dritt ta'Azzjoni Għad-Dikjarazzjoni ta'Invalidita ta'Liġi**

Il-Kostituzzjoni ta'Malta.

**4) Eżempji ta' ġurisprudenza nazzjonali u r-rwol tal-Qorti Suprema f'kawżi ambjentali**

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell (bħal ma huma s-sentenzi kollha tal-Qrati) jistgħu jinsabu fuq il-website https://ecourts.gov.mt/onlineservices/. F'Malta m'għandniex is-sistema tal-precedent bħal f'pajjiżi oħrajn għalhekk il-ġurisprudenza għandha rwol perswassiv u mhux decisive.

Is-sentenzi definittivi fejn jidħlu kawżi fuq ambjent u żvilupp huma dawk tal-Qorti Tal-Appell (Sede Inferjuri). Dawn huma sentenzi wara appelli fuq deċiżjonijiet Tat-Tribunal Ta'Reviżjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar (EPRT) u ħafna drabi ikollhom lill-Awtorità'tal-Ippjanar bħala appellat.

Il-Qorti tal-Appell ma tidħolx fil-fatti tal-każ però tinterpreta biss punti ta'liġi u proċedura.[3]

**5) Jistgħu l-partijiet fil-proċedura amministrattiva jiddependu direttament fuq ftehimiet ambjentali internazzjonali, jew tista' tissemma biss il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni nazzjonali u tal-UE?**

Il-partijiet fil-kawża jistgħu jistrieħu fuq il-konvenzjonijiet internazzjonali biss meta dawn ikunu trasposti fil-liġi nazzjonali-m'hemm l-ebda rikors dirett.

Skond l-artikolu 267 tal-TFEU li hu applikabbli għal Malta minħabba il-kap 460, referenza preliminari tista' tintalab fi kwalunkwe stat tal-proċeduri, però jekk magħmula fl-istadju tal-appell din ma tistax tiġi rifjutata. Din il-proċedura hija wkoll regolata permezz tal-artiklu 21 Tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura Tal-Qrati u l-Bon Ordni.(S.L.12.09).

## 1.2. Ġuriżdizzjoni tal-Qrati

**1) In-numru ta' livelli fis-sistema tal-qorti**

Is-sistema ġudizzjarja Maltija għandha sistema b'żewġ livelli, dawk tal-Prim Istanza preseduti minn Imħallef jew Maġistrat u l-Qrati tat-tieni Istanza dik tal-appell.

Hemm ukoll diversi tribunali speċjalizzati li jittrattaw ligijiet partikolari. Hemm dritt tal-appell minn deċiżjonijiet ta'dawn it-tribunali u deċiżjonijiet ta'arbitri.

It-Tribunal ta’Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar (EPRT) huwa t-tribunal li jiddeċiedi appelli mid-deċiżjonijet tal-Awtorità’tal-Ippjanar u l-Awtorità Tal-Ambjent u Riżorsi. Deċiżjonijiet tat-Tribunal ta’Reviżjoni Tal-Ambjent huma soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punti ta’liġi jew xi allegat ksur tad-dritt ta’ smiegħ xieraq quddiem it-Tribunal (skond l-art.50 tal-kap 551).

**2) Ir-regoli ta’ kompetenza u ġuriżdizzjoni - kif jiġi ddeterminat liema qorti għandha ġuriżdizzjoni f'kawżi ta' kunflitt bejn tribunali nazzjonali differenti (fi Stati Membri differenti)?**

L-**Att dwar it-Tribunal ta’Reviżjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar** (EPRT) (kap 551) jipprovdi illi r-rwol tal-EPRT huwa li jirrevedi d-deċiżjonijet tal-Awtorità’ tal-Ippjanar u dawk tal-Awtorità’ Tal-Ambjent u Riżorsi oltre li jaqdi kwalunkwe rwol jew ġurisdizzjoni mogħti lilu minn dan l-att jew xi liġi oħra. Ir-rwol tal-EPRT hu illi jirrevedi deċiżjonijiet dwar ambjent u ippjanar fit-termini tal-liġi u l-fatti dejjem fil-parametri mniżżla fl-att tal-EPRT. Id-deċiżjonijet tal-EPRT huma soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell.

It-**Tribunal Għar-Reviżjoni Amministrattiva** huwa maħluq permezz tal-Att dwar Il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Ligijiet ta’Malta), bl-iskop li jirrevedi l-atti amministrattivi. It-Tribunal jikkonsisti f’chairperson, li għandu jkun persuna li għandu l-kariga ta’Imħallef jew Maġistrat f’Malta (Artiklu 8(4) tal-kap 490), appuntat għall-perjodu ta’erba’ snin mill-President ta’Malta fuq parir tal-Prim Ministru. It-tribunal għandu jkollu żewġ assistenti li jistgħu jiġu ikkonsultati f’ kwalunkwe Każ quddiemha(art10(1) kap 490). It-tribunal mhuwiex però marbut bl-opinjoni mogħtija mill-assistenti (skond art.10(2) tal-kap 490). It-Tribunal iżomm seduti kemm f’Malta kif ukoll f’Għawdex.

Atti amministrattivi jinkludu l-għoti minn amministrazzjoni pubblika ċioe il-Gvern ta’Malta inklużi ministri u dipartimenti, awtoritajiet lokali jew entita legali ta’ kwalunkwe ordni, liċenzja, permess, mandat, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew rifjut ta’kwalunkwe talba minn membru tal-pubbliku. Kull individwu parti mill-proċeduri quddiem it-Tribunal li jħossu aggravat mid-deċiżjoni tal-imsemmi Tribunal jista’ jappella lill-Qorti tal-Appell.

It-Tribunal Għar-Reviżjoni Amministrattiva m’għandux ġurisdizzjoni ġenerali biex jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti taħt l-artiklu 469a tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għandu ġurisdizzjoni biss jirrevedi atti amministrattivi magħmula mill-entitajiet imniżżla fil-kap 490 tal-liġijiet ta’Malta jew kwalunkwe liġi oħra kompetenti.

Il-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili** għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq azzjonijiet ta’ stħarriġ ġudizzjarju ta’ egħmil amministrattiv taħt l-art.469 A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kap 12). Dan ta’l-aħħar jippermetti lill-Qrati tal-Ġustizzja f’ġurisdizzjoni ċivili jikkunsidraw l-validità ta’kwalunkwe att amministrattiv jew jiddikjaraw li hu null, bla validità jew bla effett , f’każijiet meta l-att imur kontra l-Kostituzzjoni Ta’Malta, jew meta jkun ultra vires skond kif speċifikat fis-subartiklu (1)(b).

**3) L-ispeċjalitajiet fir-rigward tar-regoli tal-qorti fis-settur ambjentali (it-tribunali ambjentali speċjali), il-kontribuzzjonijiet lajċi, l-imħallfin esperti eċċ.**

It-Tribunal ta’Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar huwa tribunal speċjalizzat fejn jidħol is-suġġett tal-ambjent fis-sistema ġudizzjarja tagħna. Dan it-tribunal huwa magħmul minn tliet membri kollha appuntati mill-President fuq parir tal-Prim Ministru. Wieħed mill-membri għandu jkun avukat u t-tnejn l-oħra għandhom ikunu jifhmu sew fl-ambjent u fl-ippjanar. Fil-prattika ħafna drabi l-panel ikun fih avukat, perit u planner.L-EPRT jaf ukoll iqabbad xi esperti meta jkollha bżonn skond il-każ.

**4) Il-livell ta’ kontroll tal-imħallfin f'każ ta' appelli amministrattivi, il-kunċett ta’ ex officio eċċ. X'inhuma l-limiti tiegħu? Ir-regoli dwar azzjoni tal-qorti fuq mozzjoni ex officio**

Il-Qorti tal-Appell tista’ tqajjem ċertu eċċezzjonijiet minn jeddha. Dawn jistgħu ikun biss li għandhom x’jaqsmu ma kwistjonijiet ta’’ordni pubblika bħal fuq preskrizzjoni u ġurisdizzjoni.

It-Tribunal ta’Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar għandu poteri usa minn dawk tal-Qorti tal-Appell peress li dina ta’l-aħħar tiddeċiedi biss punti ta’liġi mtella mill-partijiet. Barra milli tilqa’ jew tiċħad l-appelli l-EPRT għandu l-poter jordna tibdil fil-pjanti u/jew varjazzjonijiet fid-deċiżjonijet fuq l-ambjent u l-ippjanar jew jordna lill-Awtorità Tal-Ippjanar biex tikkunsidra l-każ mill-ġdid.

### 1.3. L-organizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell amministrattiv u ġudizzjarju

**1) Is-sistema tal-proċedura amministrattiva (ministeri u/jew awtoritajiet statali speċifiċi)**

L-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi hija r-regolatur prinċipali fuq l-ambjent ġewwa Malta.

L-Awtorità tal-Ippjanar tiddeċiedi fuq suġġetti li jista’ jkollhom impatt ambjentali (bħal awtoritajiet pubbliċi oħra).

L-ERA hija responsabbli għall-għoti ta’diversi permessi bħall-immaniġġjar tal-iskart, industrija u protezzjoni tan-natura’din is-sistema ta’permessi l-Awtorita tista’timplementa r-regoli tal-att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u r-regoli li jinsabu fil-ligijiet sussidjarji fejn jidħlu permessi dwar l-industrija, l-ambjent u proċessar tal-iskart. Hemm għodod varji x’jistgħu jintużaw bħal notifiki, tindif ,regoli tal-bini, permessi għar-rimi fil-baħar, rimi ta’skart tossiku, permessi dwar l-ambjent u n-natura ,prevenzjoni tat-tniġġis , reġistrazzjoni ta’min jimmanifattura permessi taħt il-konvenzjoni ta’(CITES) fost oħrajn.

Hawn għandna lista tal-permessi;

Li għandhom x’jaqsmu mal-industrija IPPC u permessi tal-ambjent għal proġetti kbar;

Immaniġġjar tal-iskart IPPC , permessi tal-ambjent, permessi tal-konsenja, reġistrazzjoni ta’skart;

Li għandhom x’jaqsmu man-natura; siġar u CITES permessi u tindif GMO u speċi invażiva;

Rimi fl-ibħra, ħotell, portijiet u trattament tad-drenaġġ.

Attivitajiet oħra; permessi ambjentali u reġistrazzjoni ta’attivitajiet bħal industriji żgħar, pompi tal-petrol u tankers tat-toroq.

Kull applikazzjoni għal Permess Ambjentali hija pproċessata skond proċeduri interni stabbiliti. Id-deċiżjonijiet huma mgħarrfa biss lill-applikanti u jistgħu jiġu appellati quddiem it-Tribunal ta’Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Ta’min jinnota li l-applikazzjonijiet għal permessi ambjentali mhumiex pubblikati u d-deċiżjoni biss tiġi pubblikata fuq il-website tal-ERA. Il-pubbliku ma jingħatax l-opportunita jipparteċipa fil-proċess tal-għoti tal-permess u d-dritt ta’kontestazzjoni ta’permess huwa mxekkel peress illi m’hemm l-ebda notifika jew pubblikazzjoni tal-permess fi żmien stipulat. Għalhekk wieħed irid joqgħod b’għajnejh fuq il-website tal-ERA biex ikun jaf meta jiġi maħruġ il-permess biex ikun jista’’jappella fiż-żmien.

L-Awtorità Tal-Ippjanar (PA) stabbilita taħt L-att Dwar L-Ippjanar tal-Iżvilupp (kap.552 tal-liġijiet ta’Malta) hija l-entita nazzjonali responsabbli għall-Ippjanar dwar kif tintuża l-art ġewwa Malta.

Il-funzjonijiet tagħha jinkludu l-konsiderazzjoni u d-determinazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-iżvilupp, il-faċilitazzjoni u l-koordinament tal-għoti tal-permessi għal proġetti ta’ġid komuni.

**2) Kif jista’ wieħed jappella deċiżjoni ambjentali amministrattiva quddiem il-qorti? Meta jista’ wieħed jistenna d-deċiżjoni finali?**

Appell mid-deċiżjonijiet tal-EPRT jista’ jsir lill-Qorti tal-Appell fuq punti ta’liġi fi żmien 20 ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tal-EPRT.L-appellant quddiem it-Tribunal u n-nies kollha l-oħra li ipparteċipaw fl-appell jistgħu jappellaw mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal. Barra minn hekk il-Qorti tal-Appell mhijiex marbuta biż-żmien biex tagħti s-sentenza.

Talba għar-revoka ta’permess maħruġ taħt L-Att Dwar L-Ippjanar Tal-Iżvilupp tista’ ssir sa ħames snin wara li jkun ħareġ il-permess. Ir-revoka tista’ tintalab fuq bażi ta’ frodi, l-għoti ta’informazzjoni żbaljata, żbalji oħrajn jew li jagħtu lok għat-theddid tas-saħħa pubblika. Id-deċiżjoni tal-PA għar-revoka tista’’tiġi appellata quddiem l-EPRT u wara lill-Qorti tal-Appell. Jekk il-PA tirrifjuta li tikkunsidra t-talba għar-revoka, dik id-deċiżjoni tista’ tiġi kontestata sa sitt xhur wara permezz ta’kawża għal revoka ta’deċiżjoni amministrattiva.

Kawża għar-revoka ta'deċiżjoni amministrattiva (li jinkludu dawk ambjentali) jistgħu isiru quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili bħala l-ewwel Qorti. Dawn il-kawżi jsiru taħt l-artiklu 469A tal-kap 12 tal-liġijiet ta'Malta. Din trid tinfetaħ fi żmien sitt xhur mid-data minn meta il-persuna interessata setgħet issir taf, jew saret taf li tali att amministrattiv kien seħħ, skond il-każ.
M'hemmx terminu prefiss bil-liġi li fih is-sentenza trid tingħata f'kawżi bħal dawn. Barra minn hekk din is-sentenza tista''tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell.

**3) L-eżistenza ta' qrati ambjentali speċjali, ir-rwol ewlieni u l-kompetenza**

Malta m'għandhiex Qrati ambjentali speċjalizzati.

**4) L-appelli kontra d-deċiżjonijiet ambjentali amministrattivi mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti u l-appelli kontra l-ordnijiet u d-deċiżjonijiet tal-Qorti (livelli)**

Flimkien ma'kawża biex tattakka deċiżjoni amministrattiva (inkluż dawk ambjentali) meħuda mill-awtorità' kompetenti li tista' tiġi preżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif fuq spjegat, jista' jiġi wkoll intavolat appell mid-deċiżjonijet tal-Awtorità' Tal-Ambjent u L-Ippjanar quddiem it-Tribunal Ta'Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar. Appelli minn deċiżjonijet ta'dan it-Tribunal imbagħad jistgħu isiru quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punti ta' liġi u fi żmien 20 ġurnata mis-sentenza tal-EPRT. L-appellant quddiem it-Tribunal kif ukoll kull min kien ipparteċipa fl-Appell jista' jappella minn deċiżjonijiet tat-tribunal.
Fil-liġi m'hemmx żmien stipulat li fih trid tingħata s-sentenza.

**5) Il-modi straordinarji ta' appell. Ir-regoli fil-qasam ambjentali. Ir-regoli għall-introduzzjoni ta' talbiet preliminari**

M'hemmx appelli f'każijiet straordinarji fi-qasam tal-ambjent.
Talba għal referenza preliminari fil-qrati kollha u fi kwalunkwe stadju. Hija biss però qorti tal-aħħar Istanza li hija obbligata tagħmel tali referenza fil-każ ta' bżonn. Din ir-referenza preliminari ma tistax tintalab quddiem it-tribunali – bħal dak tat-Tribunal ta'Reviżjoni Tal-Ambjent u l-Ippjanar.

**6) Hemm soluzzjonijiet barra mill-qorti fil-qasam ambjentali fir-rigward tas-soluzzjoni ta' kunflitti (medjazzjoni, eċċ.)?**

Taħt il-liġi Maltija r-regoli għal soluzzjonijiet barra l-Qorti jinsabu f';
S.L. 549.127
Art.83 kap 549

**7) Atturi oħra kif jistgħu jgħinu (ombudsperson (jekk applikabbli), prosekutur pubbliku)?**

L-Ombudsman huwa uffiċjal tal-Parlament indipendenti li huwa inkarigat jinvestiga azzjonijiet meħuda minn kwalunkwe dipartiment jew Awtorità' tal-Gvern, Ministru jew Segretarju Parlamentari jew uffiċjal pubbliku, korp uffiċjali jew entita fejn il-Gvern għandu interess jew sehem u entitajiet li jaqgħu taħt il-poter tiegħu.
L-Ombudsman jinvestiga allegazzjonijiet ta'imġieba ħażina fl-amministrazzjoni, irregolaritajiet fil-proċedura, inġustizzji minn dawn l-entitajiet. Meta l-Ombudsman ikun sodisfatt li l-ilment miġjub quddiemu huwa ġustifikat jista' jirrakkomanda illi l-vittma tingħata kumpens xieraq. Din il-konklużjoni tal-Ombudsman però hija biss waħda perswassiva u m'għandhiex saħħa ta'liġi għalhekk tista''tiġi injorata kif ġara f'ċertu każi.
L-istituzzjoni tal-Ombudsman hija regolata mill-Att Dwar L-Ombudsman li jipprovdi wkoll għall-ħatra ta'Kummissarji Għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi f' oqsma speċifiċi tal-amministrazzjoni tal-gvern. Wieħed minn dawn il-kummissarji huwa proprju inkarigat milli jinvestiga problemi ta'natura ambjentali u fuq ippjanar.
L-applikazzjoni mal-Ombudsman kif ukoll dik quddiem il-Kummissarju tal-Ambjent hija bla flus u tinżamm l-anonimita tal-applikant. L-Ombudsman jista' ukoll jiftaħ investigazzjonijiet minn jeddu.

### 1.4. Kif titressaq kawża l-qorti?

**1) Min jista' jikkontesta deċiżjoni amministrattiva ambjentali (rilevanza tal-kunċett ta' pubbliku kkonċernat u NGOs)?**

Persuni fiżiċi kif ukoll dawk legali inklużi NGOs jistgħu jimpunjaw deċiżjonijet amministrattivi ambjentali.

**2) Hemm regoli differenti applikabbli fil-leġiżlazzjoni settorjali (il-konservazzjoni tan-natura, il-ġestjoni tal-ilma, l-iskart, VIA (Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali), IPPC/IED (Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali), eċċ.)?**

Ir-regoli għall-kontestazzjoni ta'deċiżjonjiet amministrattivi ambjentali jibqgħu l-istess f'oqsma oħra tal-liġi.

**3) Ir-regoli permanenti applikabbli għall-NGOs u l-individwi (fil-proċeduri amministrattivi u fil-livell ġudizzjarju, għall-organizzazzjonijiet b'personalità ġuridika, il-gruppi ad hoc ta' rappreżentanti tal-pubbliku, il-locus standi tal-NGOs barranin, eċċ.)**

Biex wieħed ikollu dritt jappella minn deċiżjoni tal-Awtorità' tal-Ippjanar lit-Tribunal Ta' Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar , it-terz sew individwu kif ukoll NGO irid ikun għamel sottomissjonijiet bil-miktub rigward l-applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp jew permess ambjentali u fiż-żmien stabbilit bil-liġi għal dak li hu proċess ta' konsultazzjoni għall-pubbliku.
Barra minn hekk , kull min għandu interess jista' jipprevalixxi ruħu minn proċess ta'reviżjoni quddiem it-Tribunal ta'Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex jikkontesta l-legalita ta'xi deċiżjoni jew nuqqas fil-każ ta'żvilupp li għandu jsirlu studju dwar l-impatt ambjentali (environment impact assessment EIA) jew permess dwar prevenzjoni u kontroll ta'tniġġis (IPPC). Dan id-dritt jibqa' ukoll jekk dawn l-individwi ma jkunux għamlu l-osservazzjonijiet tagħhom fiż-żmien mitlub fil-liġi. It-terminu interess suffiċjenti huwa interpretat b'mod wiesa' ħafna mit-tribunali u l-qrati u ħafna drabi NGO u ambjentalisti oħra huma meqjusa li għandhom interess suffiċjenti.
Fejn jidħlu kawżi għar-reviżjoni ta'deċiżjonijiet amministrattivi, l-interess ġuridiku għadu japplika l-Qrati qed iqisu illi l-ENGOs għandhom dan l-interess ġuridiku u Locus Standi. L-individwu irid juri interess ġuridiku li kif interpretat fil-ġurisprudenza tagħna għandu dawn it-tliet karatteristiċi
leġittimu u ġuridiku
personali u dirett
attwali.
L-interess ġuridiku jfisser illi l-interess għandu jkun leġittimu u konformi ma-liġi. It-tieni jfisser illi jrid ikun hemm xi konnessjoni bejn il-partijiet fil-kawża u t-tielet karatteristika tfisser illi l-interess irid ikun attwali meta qed issir it-talba u mhux ipotetika jew futura.

**4) X'inhuma r-regoli għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni jekk ikunu involuti partijiet barranin?**

Il-lingwa uffiċjali tal-Qrati Maltin hija dik Maltija. Il-proċeduri dejjem ikunu bil-Malti. (Kap 12 tal-Liġijiet ta'Malta Kodiċi Tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili)
Il-kap 189 tal-liġijiet ta'Malta l-hekk imsejjaħ “Judicial Proceedings (use of English language) Act 1965” igħidilna illi f'każ illi xi parti f'kawża jew it-tnejn li huma jitkellmu bl-Ingliż biss il-Qorti tista''tordna illi l-kawża tinstema' bl-Ingliż.
F'każ illi xi parti f'kawża ma tifhimx il-lingwa li biha l-kawża tkun qed tinstema' il-Qorti tipprovdi interpretu li jkun taħt ġurament jew inkella tista''anke tittraduċi l-Qorti stess.
Kull xhieda li tingħata permezz ta'affidavit bil-miktub għandha tkun bil-lingwa illi x-xhud huwa mdorri jikkomunika. Tali affidavit meta ma jkunx bil-Malti għandu jkollu mehmuż miegħu traduzzjoni bil-Malti liema traduzzjoni għandha tkun maħlufa bil-ġurament ta'dak illi għamel it-traduzzjoni.

### 1.5. Provi u esperti fil-proċeduri

*Ħarsa ġenerali lejn regoli speċifiċi fi kwistjonijiet ambjentali amministrattivi, il-kontroll tal-imħallef, is-sejħa għal espert fil-proċedura eċċ.*

**1) Evalwazzjoni tal-provi – hemm xi limiti fil-kisba jew fl-evalwazzjoni tal-provi, il-qorti tista' titlob provi ex officio?**

Ir-regoli għal li jirrigwarda xhieda fil-Kapitlu 12, jeħtieġu illi kull prova miġjuba trid tkun relevanti għall-każ bejn il-

partijiet, u li l-Qorti għandha dejjem teżiġi l-aħjar prova li tista' tinġieb quddiema mill-partijiet.
Il-Partijiet jistgħu wkoll iġibu xhieda terzi, u l-kap 12 jipprovdi illi kull min hu ta'moħħ kapaċi jista' jittella bħala xhud u dan basta ma jkunx hemm oġġezzjoni għall-kompetenza tagħhom. Hija regola ġenerali illi fatti li xhud isir jaf bihom biss għax sema lil ħaddieħor igħidhom mhumiex ammissibbli[4].
Il-Qorti ma tistax minn jeddha ssejjaħ xi xhieda però hija tista' fi kwalunkwe stadju tagħmel domandi in eżami jew kontro eżami lil xi xhud.

**2) Jistgħu jiġu ppreżentati provi ġodda?**

Il-partijiet jistgħu ikomplu jġibu l-provi sakemm jiddikjaraw illi l-provi tagħhom huma magħluqa. L-ebda xhud ġdid ma jista' jinstema jew provi ġodda jinġabru jekk il-kawża tkun fl-istadju tal-Appell, jekk mhux bil-permess tal-Qorti. Iċ-ċirkostanzi fejn dan jista' jsir jinsabu fl-artikolu 208 tal-kap 12. Dawn iċ-ċirkostanzi jinkludu illi l-parti li qed iġġib il-prova ma kienitx f'pożizzjoni li tkun taf biha waqt il-ġbir tal-provi, jew li kienet taf b'din ix-xhieda però ma setgħetx ittella tali xhieda quddiem l-ewwel Qorti bil-mezzi provduti bil-liġi, jew f'każ illi xhud ittella quddiem l-ewwel Qorti jixhed però x-xhieda tiegħu kienet meqjusa inammissibbli u issa l-Qorti tal-Appell tixtieq tilqa' din ix-xhieda, jew meta l-Qorti tal-Appell jidhrilha hi li x-xhieda proposta hija neċessarja.

**3) Kif tista' tikseb opinjonijiet ta' esperti fil-proċeduri? Listi u reġistri ta' esperti disponibbli pubblikament**

Il-partijiet fil-proċeduri ġudizzjarji jistgħu jitolbu li jitla' jixhed xhud espert "ex parte". Skond l-art 563A tal-kap 12 ix-xhieda ta'xhud ex parte hija ammissibbli biss jekk fl-opinjoni tal-Qorti dan ix-xhud huwa kompetenti fil-materja li qed jittratta. Il-parti li ttella x-xhud għandha tħallas l-ispejjeż tal-istess. Il-Qorti tista' wkoll tgħajjat xhieda esperti "ex ufficio".
Skond l-Artiklu 89 tal-Kap 12, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jinnomina grupp ta'esperti skond kif jaħseb li jixraq ta'Avukati ,Prokuraturi Legali u espert oħra biex jagħmluha ta'esperti fil-Qrati ta'Malta u Għawdex.
Din il-lista għandha tiġi ppubblikata fil-gazzetta tal-Gvern. Din il-lista però iżjed fiha periti, accountants u esperti tat-traffiku milli esperti fl-oqsma tal-ambjent.
Il-Qorti tista' tqabbad esperti oħra mhux fuq din il-lista. F'każijiet bħal dawn il-Qorti tiddeċiedi min mill-partijiet għandu iħallas l-ispejjeż ta' dawn l-esperti. Jew aħjar skond l-artiklu 223(5) tal-Kapitlu 12, fejn wieħed mill-partijiet jipproduċi xhud ex parte, il-Qorti fis-sentenza tagħha tista' tiddeċiedi somma li tista' tintalab minn din il-parti bħala spejjeż u dan skond kif jiġu mqassmin l-ispejjeż tal-kawża bejn il-partijiet fis-sentenza.

**3.1) L-opinjoni esperta torbothom lill-imħallfin? Hemm livell ta' diskrezzjoni?**

L-Imħallfin mhumiex marbutin bl-opinjoni mogħtija mill-esperti.

**3.2) Regoli għal esperti msejħa mill-qorti**

Meta bniedem jittella xhud l-opinjoni tiegħu fuq kwalunkwe suġġett li jifhem fih , tista''tittieħed biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li huwa kwalifikat fis-suġġett.
Il-partijiet fil-kawża jistgħu jopponu l-ħatra ta'xhud espert fuq dubbju dwar l-imparzjalita tiegħu.

**3.3) Regoli għal esperti msejħa mill-partijiet**

Fil-każ ta'xhieda esperti fil-kawżi l-istess opinjoni tagħhom fuq materja li huma esperti fiha u li fuqha jista' jagħti opinjoni tiġi aċċettata biss jekk fl-opinjoni tal-Qorti huwa kwalifikat fis-suġġett.

**3.4) X'inhuma t-tariffi proċedurali li għandhom jitħallsu, inkluż fir-rigward ta' opinjonijiet esperti u l-għoti ta' xhieda esperta?**

F'każ meta xhud espert "ex parte" jittella minn xi parti fil-kawża, il-Qorti fis-sentenza tagħha għandha tiddeċiedi somma li tista''tintalab bħala spejjeż għall-istess xhud. Biex tasal għal din is-somma il-Qorti għandha tikkonsidra n-natura tat-talbiet, f'każ illi l-espert ma jgħix Malta, kienx possibbli li jitqabbad espert lokali u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Il-Qorti għandha wkoll tiddetermina kif għandhom jitqassmu dawn l-ispejjeż bejn il-partijiet fil-kawża. Din il-proċedura tintuża wkoll f'każ meta l-Qorti tappunta esperti minn jeddha.
L-ispejjeż għal-dawn l-esperti jaf jitilgħu mhux ħażin.

**1.6. Professjonijiet legali u atturi possibbli, parteċipanti fil-proċeduri**

**1) Ir-rwol (obbligatorju) tal-avukati. Kif tikkuntattjahom (link tal-internet għar-reġistru aċċessibbli għall-pubbliku jew is-sit web tal-Kamra tal-Avukati). Avukati speċjalizzati fil-qasam ambjentali.**

Il- kamra tal-Avukati hija l-assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-avukati prattikanti f'Malta. Il-website tagħha tinkludi s- servizz " Find a lawyer" fost dawk reġistrati mal-kamra. Meta wieħed ifittex fost l-avukati għal dawk li jipprattikaw fil-qasam ambjentali issib 6 biss, u l-lista l-anqas m'hi aġġornata għax wieħed minnhom illum qed jipprattika f'kamp ieħor.
Il-website tal-Gvern ta'Malta, lawyersregister.gov.mt tipprovdi lista uffiċjali ta'avukati bil-liċenzja u li taw il-permess tagħhom biex id-dettalji tagħhom jiġu nklużi fir-reġistru. Dan ir-reġistru huwa aċċessibbli għall-pubbliku però ma jinkludix l-oqsma li dawn l-avukati jipprattikaw fihom.
Avukati li jaħdmu fil-qasam ambjentali ħafna drabi jiġu mqabbda minn waħda mill-ħafna NGOs ambjentali attivi f'dan is-settur.
Mhuwiex obbligatorju li tqabbad Avukat.

**1.1 Hemm il-possibbiltà ta' għajnuna *pro bono*?**

Hemm avukati li jassistu partijiet jew NGOs pro bono. Dawn jitqabbdu minn NGOs ambjentali.
Hemm ukoll dik li jsejħulha "Law Clinic" fejn studenti tal-liġi taħt it-tutela ta'avukati esperti jagħtu pariri legali. Dawn jgħinu l-iżjed lill-individwi barranin li jfittxu jappellaw deċiżjonjiet dwar stat ta'rifuġjati ġol-pajjiż.

**1.2 Jekk l-għajnuna *pro bono* teżisti, x'inhuma l-elementi ewlenin tal-proċedura biex tirċeviha?**

Peress illi l-assistenza Pro Bono hija pjuttost informali l-aħjar wieħed jikkomunika ma'waħda mill-NGOs imniżżla iżjed l-isfel u jagħti d-dettalji tiegħu u s-suġġett li jridu parir fuqu.
Il-Law clinic tinsab fil-Cottonera Resource Centre u tista' tintlaħaq fuq *crc@um.edu.mt*

**1.3 Ir-rikorrent lil min għandu jindirizza talba għall-għajnuna pro bono?**

L-applikanti għandhom jindirizzaw liċ-ċerperson jew l-Amministratur tal-NGO li jrid.

**2) Reġistri tal-esperti jew siti web tal-kmamar tal-avukati disponibbli pubblikament jew reġistri li jinkludu d-dettalji ta' kuntatt tal-esperti**

Ma jeżistux reġistri tal-esperti jew websites bid-dettalji ta'esperti fil-qasam tal-ambjent. Malta hija gżira żgħira ħafna u ħafna esperti jiġu rakkomandati bil-fomm.

**3) Lista ta' NGOs li huma attivi fil-qasam, links għas-siti fejn dawn l-NGOs huma aċċessibbli**

Dawn huma l-NGOs li huma attivi f'dan il-qasam;
Din l-Art Ħelwa
Friends of the Earth (Malta)
Moviment Graffitti
Futur Ambjent Wieħed: avvchristinebellizzi@gmail.com
Nature Trust Malta
Ramblers Association of Malta
Flimkien Għal Ambjent Aħjar
Birdlife Malta
Bicycle Advocacy Group (BAG Malta)

**4) Lista ta' NGOs internazzjonali, li huma attivi fl-Istat Membru**

Dawn huma l-NGOs Internazzjonali attivi f'Malta

Birdlife Malta

Friends of the Earth (Malta)

## 1.7. Garanziji għal proċeduri effettivi

### 1.7.1. Skadenzi proċedurali

**1) L-iskadenza biex tiġi kkontestata deċiżjoni ambjentali amministrattiva (mhux ġudizzjarja) minn korp amministrattiv (jew superjuri jew tal-istess livell)**

Il-pubbliku jista''jikkontesta deċiżjonijiet tal-Awtorita' Tal-Ambjent u r-Riżorsi kif ukoll dawk tal-Awtorità' Tal-Ippjanar meta joħorġu permessi għall-iżvilupp.

Iż-żmien li fih tista' tippreżenta dan l-appell huwa ta' 30 ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni.

Appelli minn deċiżjonijiet li ma jiġux bil-liġi pubblikati uffiċjalment għandhom jiġu preżentati fi żmien 30 ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni.(Kap 551 ART.13 Liġijiet ta' Malta)

**2) L-iskadenza biex tingħata deċiżjoni minn organu amministrattiv**

It-Tribunal ta'Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar huwa dak li jiddeċiedi appelli mid-deċiżjonijiet tal-Awtorità' Tal-Ippjanar u tal-Awtorita Tar-Riżorsi u Ambjent.

It-terminu li fih trid tingħata deċiżjoni jiddependi fuq jekk saritx talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u x'tip ta'deċiżjoni qed isir appell minnha.

It-termini varji huma dawn kif ġej;

**Limitu ta' żmien meta ma tintalabx talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess**

Fil-każ li appell ġie preżentat però ma saritx talba għas-sospensjoni, it-Tribunal jappunta data u ħin għas-smiegħ għall-ewwel dehra fi żmien xahrejn minn meta ġie preżentat l-appell.

I-tribunal imbagħad irid jagħti s-sentenza tiegħu fuq l-appell fi żmien sena mill-ewwel seduta. Dan it-terminu jista' jiġġedded darba waħda biss għal sitt xhur oħra f'ċirkostanzi straordinarji, fl-interess tal-ġustizzja. Dan huwa il-perjodu aċċettabbli meta tkun saret talba għas-sospensjoni li ma tkunx ġiet milqugħa.

Dawn it-termini però ma jiġux infurzati. L-unika ħaġa li tiġri meta ma tingħatax is-sentenza in terminu hu illi l-appell jingħata lil Bord ieħor u mhux ċar x'għandu jiġri jekk anke dan it-tieni Tribunal ma jerġax jagħti sentenza tiegħu fit-terminu.

**Limitu ta' żmien meta tintalab talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess**

Meta mal-appell issir talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess, it-Tribunal għandu fi żmien tletin ġurnata minn meta jirċievi r-rikors tal-appell jappunta seduta u jinnotifika l-partijiet u jagħti deċiżjoni.

It-Tribunal ma jistax jissospendi permess għal applikazzjoni ta'żvilupp jekk il-Ministru responsabbli Għall-awtorità tal-Ippjanar huwa tal-parir li dan il-permess huwa ta'importanza strateġika, jew ta'interess nazzjonali, jew għandu x'jaqsam ma xi obbligu naxxenti minn xi att tal-Unjoni Ewropeja, jaffettwa s-sigurtà nazzjonali jew l-interessi tal-Gvern

u jew gvernijiet oħra. Din L-eċċezzjoni ma tapplikax f'każijiet ta'applikazzjonijet ta'zvilupp li huma soġġetti għal studji fuq l-impatt ambjentali (EIA) jew kontroll tat-tniġġis (IPPC).

It-Tribunal jista' jissospendi l-eżekuzzjoni ta'permess għal xahar mid-data tal-ewwel smiegħ tal-appell f'dawk il-każi li jeħtiegu studju dwar l-impatt ambjentali (EIA), jew permess għall-kontroll tat-tniġġis (IPPC) li skond il-Ministru responsabbli għall-Awtorita' tal-Ippjanar huma ta' importanza strateġika jew ta' interess nazzjonali, għandhom x'jaqsmu ma xi obbligu naxxenti minn xi att tal-Unjoni Ewropeja, taffettwa l-interess nazzjonali jew l-interessi tal-Gvern, jew ta'gvernijiet oħra.

**Limitu ta' żmien għal deċiżjoni dwar il-merti meta tkun ġiet sospiża l-eżekuzzjoni ta' permess**

It-Tribunal għandu jagħti s-sentenza tiegħu fuq l-appell meta l-eżekuzzjoni tal-permess ikun sospiz

fi żmien tliet xhur mill-ewwel smiegħ tal-appell

fi żmien xahar mid-data tal-ewwel smiegħ tal-appell fil-każ li l-applikazzjoni hija soġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali (EIA) jew permess għall-prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis (IPPC) li fl-opinjoni tal-Ministru huwa ta'interess nazzjonali, għandu x'jaqsam ma' xi obbligu naxxenti minn xi att tal-Unjoni Ewropeja, jaffettwa l-interess nazzjonali jew jaffettwa lill-Gvern lokali jew gvernijiet oħrajn.

**3) Huwa possibbli li tiġi kkontestata d-deċiżjoni amministrattiva tal-ewwel grad direttament quddiem il-qorti?**

Deċiżjoni amministrattiva tista''tiġi kontestata quddiem il-qrati, meta l-liġi ma tipprovdix possibilità ta'appell lill-Tribunal ta'Reviżjoni tal-Appell u l-Ippjanar taħt il-Kapitlu 551 tal-Liġijiet ta'Malta - bħal fil-każ ta'ċerti tipi ta'permessi tal-iżvilupp bħal ordni ta'avviz ta'żvilupp.

F'każijiet bħal dawn it-terz interessat jista''jiftaħ kawża quddiem il-qrati ċivili biex tinvestiga l-validità jew tiddikjara dawn l-atti nulli taħt l-art.469A kap12 peress illi ma hemm ebda proċedura ta'kontestazzjoni jew kumpens provdut imkien ieħor.

**4) Hemm skadenza stabbilita għall-qorti nazzjonali biex tagħti s-sentenza tagħha?**

M'hemmx termini biex il-Qrati jgħaddu għas-sentenza.

**5) L-iskadenzi applikabbli matul il-proċedura (għall-partijiet, is-sottomissjoni ta' provi, skadenzi oħra possibbli, eċċ.)**

Hemm termini stabbiliti għall-preżentata tal-appelli jew kawżi. Termini oħra waqt l-andament tal-kawżi jiġu stabbiliti mill-qrati rispettivi.

### 1.7.2. Miżuri proviżorji u kawtelatorji, eżekuzzjoni ta' sentenzi

**1) Meta għandu effett sospensiv l-appell li jikkontesta deċiżjoni amministrattiva?**

Appell lit-Tribunal ta'Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar ma jġibx sospensjoni awtomatika. L-anqas l-azzjoni għal reviżjoni ta' att amministrattiv tal-ambjent ma jġib sospensjoni awtomatika. Is-sospensjoni tad-deċiżjoni amministrattiva trid tiġi mitluba permezz ta'rikors b'talba speċifika għas-sospensjoni quddiem l-EPRT, u permezz ta' mandat ta'inibizzjoni fil-każ ta'kawża għar-reviżjoni ta'att amministrattiv.

**2) Hemm possibbiltà għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni matul l-appell amministrattiv mill-awtorità jew l-awtorità superjuri?**

Meta jiġi ppreżentat appell minn deċiżjoni tal-Awtorità Tal-Ippjanar għall-għoti ta'permess t'ippjanar/żvilupp wieħed jista'wkoll japplika għas-sospensjoni tal-istess permess. Jekk tali talba tiġi milqugħa, dak il-permess jiġi sospiż sakemm jinqata' l-appell – li hemm limitu ta'3 xhur.

L-istess meta qed tappella minn sentenza minn deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi, wieħed jista' japplika għas-sospensjoni tas-sentenza appellata. Ta'min jinnota illi f'każ ta'appell fuq materja li jista''jkollha riperkussjonijiet ambjentali irrevokabbli, l-approvazzjoni tista' tiġi sospiża mill-EPRT sakemm tittieħed deċiżjoni aħħarija. Dan dejjem meta t-Tribunal ikun tal-fehma illi l-effetti u l-implikazzjonijiet fuq l-ambjent ser ikunu irrevokabbli[5].

**3) Hemm possibbiltà li tiddaħħal talba għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni matul il-proċedura u taħt liema kundizzjonijiet? Hemm skadenza biex tissottometti din it-talba?**

It-talba għas-sospensjoni tista''biss tiġi preżentata flimkien mar-rikors tal-appell quddiem it-Tribunal ta'Reviżjoni Tal-Ambjent u L-Ippjanar. Dan ifisser illi trid tiġi preżentata fi żmien 30 ġurnata minn meta tiġi pubblikata d-deċiżjoni li qed isir appell minnha.

Ma jistgħux isiru talbiet għas-sospensjoni oħra quddiem l-EPRT. Peress illi s-sospensjoni tispiċċa kif tingħata s-sentenza tal-EPRT, jista' jinqala każ fejn l-EPRT tiddeċiedi fuq il-mertu sostantiv tal-appell u tiddeċiedi kontra l-appellant. F'dan il-każ peress illi l-effett tas-sospensjoni jispiċċa, l-effett tad-deċiżjoni appellat jiskatta u jistgħu jinżammu biss bil-ħruġ ta'mandat t'inibizzjoni maħruġ mill-Qorti. Din toħloq sitwazzjoni anolmala li fiha deċiżjoni amministrattiva ambjentali issir eżegwibbli meta l-proċeduri quddiem l-appell fil-qorti għadhom pendenti. Ir-riżultat hu illi l-proċeduri quddiem l-appell ikunu għal xejn peress

illi d-deċiżjoni (li tista' tinkludi permess għall-iżvilupp li l-effetti għall-ambjent ikunu irrevokabbli) jista' jiġi eżegwit ferm qabel ma l-qorti tagħti s-sentenza tagħha.
Skond il-kap12 tal-liġijiet ta'Malta (COCP) l-għan ta' mandat t'inibizzjoni huwa illi żżomm bniedem mili jagħmel xejn li jista' jkun ta'preġudizzju lil min ikun qed jitlob il-ħruġ tal-mandat. Il-qorti trid tkun sodisfatta illi jekk ma jintlaqax il-mandat l-applikant ħa jsofri preġudizzju irrimedjabbli u li prima facie l-applikant għandu dritt.
Ta'min jinnota illi din it-talba tista' tiġi kontestata mill-partijiet l-oħra involuti. Dawn jistgħu wkoll jagħmlu talba għar-revoka tal-istess mandat jew jitolbu illi tingħata garanzija jekk jiġi ppruvat illi l-mandat inħareġ għal raġunijiet frivoli jew vessatorji. Dan ifisser illi NGOs u individwi b'mezzi limitati huma xi ftit imxekkla milli jieħdu azzjoni.

**4) Hemm eżekuzzjoni immedjata ta' deċiżjoni amministrattiva irrispettivament mill-appell imressaq? Taħt liema kundizzjonijiet?**

Kif fuq spjegat id-deċiżjoni amministrattiva tista' tiġi eżegwita ukoll jekk hemm appell pendenti sakemm il-Qorti ma tilqax il-ħruġ ta'mandat t'inibizzjoni favur l-appellanti.

**5) Id-deċiżjoni amministrattiva tiġi sospiża jekk tiġi kkontestata quddiem il-qorti fil-fażi ġudizzjarja?**

Id-deċiżjoni amministrattiva ma tiġix sospiża l-anqas meta kontestata quddiem il-Qorti, sakemm il-Qorti ma tilqax mandat t'inibizzjoni.

**6) Hemm possibbiltà li t-tribunali nazzjonali jipprovdu rimedju b'mandat ta' inibizzjoni (bil-kundizzjoni ta' depożitu finanzjarju)? Hemm appell separat kontra din l-ordni dwar ir-rimedju b'mandat ta' inibizzjoni jew id-depożitu finanzjarju?**

L-unika forma ta' twaqqif li hemm kontemplat hija dawk ġa imsemmija; talba għas-sospensjoni quddiem l-EPRT jew mandat t'inibizzjoni quddiem il-Qrati.

**1.7.3. Spejjeż - Għajnuna legali - Assistenza pro bono, mekkaniżmi oħra ta' għajnuna finanzjarja**

**1) Kif tista' persuna tikkalkula l-ispejjeż li se jkunu involuti meta tkun beħsiebha tibda proċedura - spejjeż amministrattivi, spejjeż ġudizzjarji, spejjeż għall-preżentata ta' kawża, tariffi tal-esperti, tariffi tal-avukati, spejjeż tal-appell, eċċ.**

Liġi sussidjarja 551.01 Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu għal Appelli tal-Ambjent u L-Ippjanar tgħidilna xi spejjeż iridu jkunu mħallsa lir-reġistru tat-tribunal f'każ t'Appell.Dawn huma kif ġej;

| Tip Ta'deċiżjoni | Ammont Dovut Għall-Appell |
|---|---|
| Kontra il-PA għal permess tal-iżvilupp | Somma minima ta'150 ewro<br>Somma massima ta'3500 ewro<br>Somma massima ta'1000 ewro<br>Fil-każ ta'appell minn eNGO li huma<br>Reġistrati skond l-att Tal-Organizzazzjonijiet Volontarji. |
| Kontra deċiżjoni tal-PA taħt ordni tal-iżvilupp, proċess ta'regolarizzazzjoni, applikazzjoni ta' Ippjanar kontrollat | 150 ewro |
| Kontra deċiżjoni wara talba ta'screening ta' permess ta'żvilupp propost | 150 ewro |
| Kontra kull deċiżjoni oħra tal-PA | 150 ewro |
| Kontra kull deċiżjoni tal-Awtorità Tal-Ambjent U r-Riżorsi | 150 ewro |

Kieku bniedem iżid id-drittijiet dovuti lill-avukati, periti, u esperti oħrajn li jkollok bżonn biex tappella quddiem l-EPRT , il-kont jaf jitla' viċin 2500 sa 3000 ewro. U dan fl-appelli mhux komplikati. Appelli izjed komplikati li jinvolvu l-istudju ta' rapporti dwar l-impatt ambjentali flimkien ma' studji u pariri ta'esperti l-ispejjeż jaf jitilgħu sa 10,000 ewro jew iżjed.
L-ispejjeż tal-appell il-Qorti jitilgħu għal 120 ewro spejjeż tar-Reġistru u 7.20 għal kull notifika li magħhom trid iżżid dak dovut lill-Avukat. Dawn l-ispejjeż jistgħu ivarjaw skond kemm hu komplikat il-każ u kemm hemm bżonn riċerka. Appell sempliċi għalhekk jiġi xi 1200 ewro.
L-ispejjeż għal kawża għar-reviżjoni ta'ordni amministrattiva hija 120 ewro bħala drittijiet tar-reġistru u 7.20 għal kull notifika barra d-drittijiet professjonali tal-avukati u esperti, li jitilgħu b'kollox għal xi 3000 ewro. Mad-deċiżjoni id-dritt tar-reġistru jitilgħu għal 650 ewro.

**2) Għall-ispejjeż ta' rimedju b'mandat ta' inibizzjoni/miżura kawtelatorja, huwa meħtieġ depożitu?**

Sospensjoni temporanja tista''tintalab f'żewġ stadji:
1) Meta wieħed jappella minn deċiżjoni ta'żvilupp jew ippjanar, jista'jitlob ukoll s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess. Jekk din tintlaqa' il-permess jibqa' sospiż sakemm l-EPRT jiddeċiedi l-appell. Spejjez tar-reġistru m'hemmx f'dan l-istadju hemm però l-ispejjeż tal-avukat u l-perit sabiex iħejji r-rikors u jattendi għas-seduti. Dawn jiddependu dejjem fuq l-avukat li jkun.
M'hemm l-ebda depożitu dovut.
2) Jekk it-tribunal ma jaċċettax it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess, l-appellant jista' japplika għal mandat t'inibizzjoni quddiem il-Qrati Ċivili. Din il-proċedura tiswa bejn 200 u 300 ewro għall-Qorti flimkien mad-drittijiet dovuti lill-Avukati u Prokuraturi Legali li jitqabbdu. Dan il-mandat irid jiġi segwit minn kawża wara 20 ġurnata li jintlaqa'.
M'hemmx bżonn ta'depożiti pero jekk il-mandat ma jiġix milqugħ, min jitlef jaf ibati l-ispejjeż tan-naħa l-oħra.

**3) Hemm għajnuna legali disponibbli għall-persuni fiżiċi?**

L-għajnuna legali teżisti taħt il-liġi Maltija. L-applikant għandu jirrikorri għand l-aġenzija tal-Għajnuna Legali għal dan l-iskop.
Għal dan is-servizz irid isir "means test". Barra minn min japplika irid juri li għandu xi forma ta'raġun x'jieħu minn din il-kawża.
L-applikant irid jissodisfa ċertu kriterji, ma jistax ikollu proprjetà u introjtu ta'flus li jeċċedu 6988.12 ewro tul l-aħħar tnax il-xahar. Barra minn id-dħul tiegħu tul l-aħħar tnax il-xahar ma jistax ikun iżjed minn dik minima nazzjonali għal dawl fuq it-18 il-sena.
Jekk it-talba tintlaqa dan ifisser illi l-ispejjeż kollha sew tal-avukat kif ukoll tar-reġistru ikunu b'xejn sas-sentenza. F'dawn il-każijiet però l-ispejjeż tal-esperti mhumiex imħallsa.
Għalkemm dan is-servizz huwa miftuħ għal kull min jissodisfa l-kriterji dan is-servizz l-iżjed li jintalab hu f'kawżi ta'natura domestika u m'hemm l-ebda każ fejn dan ingħata fil-kamp ambjentali.
Legal Aid Malta hija l-aġenzija illi tipprovdi l-għajnuna legali b'xejn f'Malta. Biex tikkwalifika trid tgħaddi minn proċess ta'skrutinju kif fuq spjegat li jsir mill-aġenzija. L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tagħhom jew jitnizzlu mill-website indikata hawn taħt. L-applikazzjoni trid tinħalef bil-ġurament. Talba tista' issir ukoll quddiem il-Qrati Ċivili.
Indirizz:
188-189 Triq il-Fran Valletta
Ċempel
356 22471500
Email: info.legalaidmalta@gov.mt
Website: http://www.legalaidmalta.gov.mt

**4) Hemm għajnuna legali disponibbli għall-assoċjazzjonijiet, għall-persuni ġuridiċi, għall-NGOs b'personalità ġuridika jew mingħajrha? Jekk iva, kif tintalab l-għajnuna legali? Hemm għajnuna pro bono?**

L-art.926 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta'Malta jgħidilna illi kumpaniji reġistrati bil-liġi ma jistgħux jibbenefikaw mill-għajnuna legali.

M'hemm l-ebda riferenza fil-liġi dwar jekk l-Ngos humiex eliġibbli għall-għajnuna legali. Talba reċenti għall-għajnuna legali minn ENGO ġiet miċħuda.

**5) Hemm mekkaniżmi finanzjarji oħra disponibbli biex jipprovdu għajnuna finanzjarja?**

M'hemm l-ebda provvediment għal għajnuna finanzjarja għal entitajiet legali, assoċjazzjonijiet jew NGOs biex jappellaw quddiem it-Tribunal ta'Reviżjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar jew il-Qorti Tal-Appell jew biex ikollhom aċċess għall-ġustizzja. Dan huwa ta'xkiel kbir għax dawn il-gruppi jkollhom iħallsu l-ispejjeż kollha kemm tal-appell sew tal-avukati u tal-esperti, u jekk jitilfu l-kawża jeħel l-ispejjeż tan-naħa l-oħra wkoll.

**6) Japplika l-prinċipju ta' "min jitlef iħallas"? Kif jiġi applikat mill-qrati? Hemm eċċezzjonijiet?**

Il-Qorti għandha d-diskrezzjoni tiddeċiedi fuq l-ispejjeż ukoll. Bħala prinċipju ġenerali min jitlef iħallas l-ispejjeż kollha.

Meta jiġi deċiż appell mill-EPRT, u dan jiġi milqugħ, it-Tribunal jista''jordna li l-ispejjeż imħallsa għall-appell jew parti minnhom, jiġu rifużi lill-appellant. Meta persuna interessata, jew NGO ambjentali, jew konsulent estern intavola appell quddiem it-Tribunal, u t-Tribunal jaqta'l-Appell favurih, l-ispejjeż tal-Appell tiegħu jiġu mħallsa fi kwoti indaqs mill-partijiet involuti. Barra minn hekk din il-parti tad-deċiżjoni titqies bħala titolu eżekuttiv.

**7) Il-qorti tista' tipprovdi eżenzjoni mill-ispejjeż proċedurali, dazji, tariffi tal-preżentata, tassazzjoni tal-ispejjeż, eċċ.? Hemm xi karatteristiċi nazzjonali oħrajn marbutin ma' dan is-suġġett?**

Il-Qorti tiddeċiedi kif għandhom jitħallsu l-ispejjeż skond ir-rebħu t-telf. Il-Qorti għandha diskrezzjoni totali kif tiddeċiedi u f'każijiet komplikati jaf ukoll tiddeċiedi illi ħadd ma jeħel l-ispejjeż ta'ħaddieħor u kulħadd iħallas tiegħu.

**1.7.4. Aċċess għal informazzjoni fil-kuntest ta' aċċess għall-ġustizzja - dispożizzjonijiet relatati mad-Direttiva 2003/4/KE**

**1) Fejn huma disponibbli r-regoli nazzjonali dwar l-aċċess ambjentali għall-ġustizzja? Hemm forom oħra ta' tixrid strutturat?**

L-Awtorità Tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) hija l-awtorita prinċipali li tippubblika informazzjoni dwar aċċess għal ġustizzja fil-qasam ambjentali.

L-informazzjoni għal min jixtieq jkollu aċċess għal ġustizzja tinsab fuq il-website tal-ERA.

Fuq il-website tal-Awtorità Tal-Ippjanar hemm xi informazzjoni rigward applikazzjonijiet tal-ippjanar. Din però' hija biss ftit informazzjoni xotta fuq dak li għandu x'jaqsam ma'applikazzjonijiet. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' japplika mal-e-App system tal-Awtorità tal-Ippjanar. Barra minn hekk, diversi liġijiet u policies qed jiġu pubblikati kontinwament u min jipprattika fil-qasam irid izomm ruhu aġġornat billi jirreferi għall-website tal-liġijiet ta'Malta fejn jiġu ppubblikati.

Għal aktar informazzjoni fuq l-Aarhus convention hemm il-website tal-ERA.

M'hemm l-ebda forma oħra ta' kif tista' tinkiseb l-informazzjoni.

**2) Matul proċeduri ambjentali differenti kif tingħata din l-informazzjoni? Ir-rikorrent mingħand min għandu jitlob l-informazzjoni?**

Informazzjoni għal dak li jirrigwarda aċċess għal ġustizzja huma diversi u jvarjaw skond il-proċedura ambjentali li tkun qed tintalab kif ser naraw.

Id-drittijiet proċedurali mogħtija lill-pubbliku fejn tidhol il-parteċipazzjoni jingħataw fl-Att dwar Il-Protezzjoni tal-Ambjent (kap 549 liġijiet ta'Malta) u l-Att Dwar l-Ippjanar u L-Iżvilupp (Kap 552 liġijiet ta'Malta)

L-applikant jista''wkoll jitlob informazzjoni mingħand l-uffiċjal inkarigat mill-informazzjoni tal-awtorità in kwistjoni.

L-indirizzi tal-email għall-aċċess għall-informazzjoni huwa https://justice.gov.mt/en/foi/Pages/default.aspx

Il-pubbliku jista'wkoll jitlob informazzjoni fuq l-ambjent direttament lill-ERA taħt S.L.549.39 u l-email pubbliku (info@era.org.mt).

Ta'min jinnota illi talbiet għal-libertà tal-informazzjoni spiss jiġu rifjutati hawn Malta jew idumu ma jintlaqgħu. Riżultat ta'dan ħafna drabi l-informazzjoni tasal tard wisq biex tintuża biex kontra ċertu deċiżjonijiet. Jeżisti appell lill-Kummissarju Għall-Informazzjoni u l-protezzjoni tad-Data u anke għall-Qorti Tal-Appell però din il-proċedura ddum u ħafna drabi tinqata' meta jkun tard wisq biex tuża l-informazzjoni biex tattakka att amministrattiv.

**3) X'inhuma r-regoli settorjali (Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali), IPPC/IED (Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali), rigward pjanijiet u programmi, eċċ.)?**

**L-Awtorità' Tal-Ippjanar (PA)**

L-Awtorita Tal-Ippjanar hija regolata mill-Att Dwar L-Ippjanar u L-Iżvilupp (kap 552 Liġijiet Ta'Malta) li jinkorpora l-obbligazzjonijiet li jinsabu fil-Konvenzjoni Aarhus fejn tidħol il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u aċċess għall-informazzjoni fuq l-ambjent, li jiffaċilitaw l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fid-deċizjonijiet li jaffettwaw l-ambjent u li jipprovdi regoli speċifiċi fejn tidħol l-aċċess għall-ġustizzja.

L-Att dwar l-Ippjanar (jipprovdi għall-parteċipazzjoni fid-deċiżjonijiet fuq kull żvilupp sew jekk jeħtieġlu studja dwar l-impatt ambjentali (EIA) jew le.) B'mod partikolari ir-regoli dwar l-applikazzjonijiet u d-determinazzjoni tagħhom jagħtu aktar dettalji fejn tidħol parteċipazzjoni tal-pubbliku fejn jidħlu l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp, proċeduri ta' regolarizzazzjoni tal-ippjanar u proċeduri sommarji tal-ippjanar.

Għall-proċess ta'regolarizzar (fejn ma jidħolx l-EIA), trid issir applikazzjoni li trid tiġi pubblikata fil-gazzetta tal-gvern, u hija soġġetta għal konsultazzjoni pubblika.

Għal dawk li huma proċeduri sommarji, l-applikazzjonijiet joħorġu fuq il-gazzetta tal-gvern u fil-website tad-dipartiment tal-informazzjoni. Jitwaħħal avviż fuq il-post u l-pubbliku jkollu 15 il-ġurnata biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

Fejn jidħlu applikazzjonijiet għall-iżvilupp ir-regoli tal-2016 dwar il-proċedura għad-determinazzjoni ta'applikazzjonijiet bħal dawn tobbliga liċ-cerperson (stabbilit taħt l-Att Dwar L-Ippjanar) jieħu ħsieb illi l-informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet jidhru online, u fuq l-avviżi fuq il-post minn kmieni sabiex il-pubbliku jkun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

L-art.72(2) tal-Att Dwar l-Ippjanar jiddikjara illi waqt li qed jiddetermina applikazzjoni għall-iżvilupp, il-Bord tal-Ippjanar irid iqis ir-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-pubbliku.

Fl-art.71(8) tal-Att Dwar L-Ippjanar u r-regoli 5(4) u 12(6) tal-Ippjanar tal-Iżvilupp 2016 (Proċedura għall-applikazzjoni u determinazzjoni) naraw illi meta jiġu proposti tibdiliet fl-applikazzjoni jew jiġu ppreżentati pjanti ġodda, kull min kien diġà għamel sottomissjonijiet fil-proposta oriġinali jista' jerga' jikkumenta.

**EIA**

Ir-Regolamenti Dwar il-Valutazzjoni Tal-Impatti Ambjentali (EIA regulations) (S.L.549.46) maħluqa taħt l-Att Għall-Protezzjoni Ambjentali jeżiġu l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess tal-EIA kif spjegat hawn taħt.

Skond dawn ir-regoli hemm diversi opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku bħal fil-bidu tal-proċess u iżjed tard. Membri tal-pubbliku għandhom 30 ġurnata biex jiddikjaraw x'suġġetti iridu li jkunu nklużi fit-termini ta'dak li r-rapport ħa jindaga. Il-pubbliku jerġa għandu 30 ġurnata oħra sabiex jagħti l-kummenti tiegħu meta r-rapport ikun lest u mgħoddi lill-Awtorità biex jiġi studjat.

Issir laqgħa pubblika għal proġetti fil-Kategorija 1. Il-pubbliku huwa avżat tal-inqas 15 il-ġurnata qabel il-laqgħa pubblika dwar id-dritt tagħhom li jattendu u jagħmlu l-proposti tagħhom kemm waqt il-laqgħa kif ukoll bil-miktub sa 7 ijiem wara l-laqgħa. Il-pubbliku jiġi mgħarraf bid-data ħin u post tal-laqgħa permezz ta'pubblikazzjoni f'gazzetta lokali bl-Ingliż u bil-Malti kif ukoll fuq il-website tal-Awtorità.

Is-sottomissjonijiet u l-kummenti tal-pubbliku għandhom jiġu miġbura f'rapport mill-ERA li jiġi mgħoddi lill-koordinatur tal-ERA għal risposta. Ir-risposta tal-koordinatur jingħataw lill-ERA u jiġu inklużi bħala addenda mar-rapport tal-EIA. F'dan l-istadju ir-rapport tal-EIA jista'jerġa jiġi rivedut jekk ikun hemm konsiderazzjonijiet materjali.

Biex il-kummenti ikunu nklużi fir-rapport iridu jkunu waslu fil-ħin.
Il-konklużjonijiet tal-ERA jitpoġġew fuq il-website tal-Awtorità biex jarahom kulħadd. Dar-rapport jintbagħat ukoll lill-awtorità li tagħti l-permess.
Ir-regola 30 tar-regoli tal-EIA tobbliga lill-awtorità kompetenti tinforma lill-pubbliku meta tittieħed deċiżjoni rigward l-applikazzjoni – inkluż x'ġie deċiż, x' kondizzjonijiet tniżżlu, u r-raġunijiet u fuq liema bażi ttieħdu d-deċiżjonijet, u dettalji dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.
Ir-regoli tal-EIA jipprovdu wkoll għall-tiġdid tal-EIA jew għall-konsiderazzjoni mill-ġdid (regola 24(3)),jekk issir xi talba għat-tibdil jew estensjoni tal-iżvilupp propost li jistgħu ikollhom xi impatti fuq l-ambjent. F'dan il-każ japplikaw r-regoli normali tal-EIA, inkluż li ssir konsultazzjoni pubblika.
Skont ir-regola 34 tar-regoli tal-EIA, kull min iħossu aggravat jista' jappella quddiem l-EPRT biex jikkontesta deċiżjoni, azzjoni jew nuqqas li għandu x'jaqsam ma kull ma jaqa' taħt ir-regoli tal-EIA.

**IPPC**

Ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali (S.L.549.77) jipprovdu għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku għar-rigward permessi għall-installazzjonijiet.
Ir-regola 18 minn dawn ir-regolamenti, tiddikjara illi l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għandha tiżgura illi pubbliku jingħata opportunita ampja biex jipparteċipa u fil-ħin. L-iskeda 4 tipprovdi dettalji rigward din il-parteċipazzjoni pubblika.
Skond l-iskeda 4 tar-regoli tal-emissjonijiet industrijali (IPPC) (S.L.549.77), il-proċess għall-konsultazzjoni mal-pubbliku jiskatta meta jinħareġ avviż f'gazzetta lokali u fuq il-website tal-ERA.
It-terminu għall-konsultazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma installazzjonijiet huwa ta'30 ġurnata għall-proċeduri skond ir-regoli 18(1)(a) sa (d) li għandhom x'jaqsmu mal-għoti, tiġdid, u rikonsiderazzjoni ta'permessi. Il-perjodu ta'konsultazzjoni għall-pubbliku imbagħad jkun ta'15 il-ġurnata. Fil-każijiet kollha l-oħra fejn l-awtorità kompetenti tqis li l-konsultazzjoni hija neċessarja, sakemm fejn l-applikazzjoni għar-rikonsiderazzjoni ta'permess in konformi mar-regola 18(1)(e) tinkludi talba għal-bdil sostanzjali, iż-żmien għall-konsultazzjoni pubblika jkun ta'30 ġurnata.
Barra min hekk l-ERA tista'tobbliga l-operatur jorganizza laqgħa pubblika bħala parti mill-konsultazzjoni .
Taħt ir-Regoli tal-Emissjonijiet Industrijali (IPPC), ir-regola 18 tiddikjara illi r-raġunijiet li fuqhom ittieħdet id-deċiżjoni jridu jkunu ippubblikati, u li għandhom jinkludu spjegazzjoni kif ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika ġew ikkunsidrati, kif ukoll punti tekniċi skont Regola 18(2).
Ir-regoli fuq imsemmija li għandhom x'jaqsmu mar-regoli tal-Emissjonijiet Industrijali (IPPC) japplikaw fil-każ ta'deċiżjoni, rikonsiderazzjoni jew tiġdid ta' permess.
Tibdil fil-kundizzjonijiet tal-operazzjoni ta'installazzjonijiet tal-IPPC jeħtiegu tibdil fil-permess, li imbagħad irid ikollhom proċeduri ta'konsultazzjoni pubblika kif regolati mill-IPPC.
Skont ir-regola 20 tar-regoli tal-IPPC, il-membri tal-pubbliku li għandhom interess suffiċjenti, għandhom ikollhom aċċess għall-proċess ta'reviżjoni quddiem l-EPRT biex ikunu jistgħu jikkontestaw is-sustanza u l-legalita tal-proċedura fl-għoti tad-deċiżjonijiet, l-azzjoni meħuda jew nuqqasijiet soġġetti għar-regola 18 tal-IPPC. Ta'min jinnota illi l-interess ta'NGO fl-ambjent jitqies bħala interess suffiċjenti. Taħt din ir-regola l-awtorità kompetenti l-(ERA) għandha tiżgura illi l-informazzjoni kollha tingħata lill-pubbliku għall-aċċess fejn jirrigwarda proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji.

**Pjanijiet u programmi**

Il-pubbliku jingħata l-opportunita jipparteċipa fit-tħejjija ta'pjanijiet, programmi u skemi fejn jidħol l-ambjent bis-saħħa ta'dawn il-liġijiet: L-Att dwar il-protezzjoni tal-Ambjent (kap 549 Liġijiet ta'Malta), l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (kap 552 tal-liġijiet ta'Malta) , Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika (SEA Regulations) (S.L.549.61) u r-Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi (S.L.549.41).
Id-definizzjonijiet relevanti jinsabu f'dawn l-atti u regoli msemmija, huma kollha non-diskriminatorji u jipprovdu drittijiet ugwali lill-pubbliku għall-parteċipazzjoni.
Taħt l-Att Għall-Protezzjoni tal-Ambjent, l-ERA hija obbligata toħloq strateġija nazzjonali għall-ambjent skont l-art 45, li huwa dokument ta' strateġija għat-tmexxija li joħloq il-qafas tal-politika għat-tħejjija ta'pjanijiet, policies u programmi taħt dan l-att jew kwalunkwe att ieħor għall-protezzjoni u użu sostenibbli tal-ambjent. Waqt it-tħejjija jew l-istudju tal-istrateġija, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent irid javża lill-pubbliku dwar dak li ser jiġi meqjus u jipprovdi opportunitajiet adegwati biex individwi u organizzazzjonijiet jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħom (fi zmien sitt ġimgħat tal-inqas). Wara l-istrateġija flimkien mal-proposti magħmulin u r-risposti mogħtija jiġu pubblikati.
L-ERA tista''wkoll tippubblika pjanijiet sussidjarji bħal pjanijiet li għandhom x'jaqsmu ma'policy ambjentali speċifika bid-dettalji speċifiċi għall-implimentazzjoni tagħha, skont l-art 48; kif ukoll dettalji oħra skond l-art 50.
Fit-tħejjija ta'dawn il-pjanijiet L-ERA għandha tinforma l-pubbliku dwar is-suġġetti li bi ħsiebha tikkunsidra u tipprovdi konsultazzjoni pubblika fuqhom.
Konsultazzjoni pubblika għandha ssir ukoll wara lil-pjan preliminari jitlesta u jiġi ppubblikat (perjodu ta'għall-inqas sitt ġimgħat). Il-pjan jiġi adottat formalment mill-ERA wara li jittieħdu in konsiderazzjoni l-suġġerimenti kollha magħmulin lilha.
L-Att Dwar L-Ippjanar u l-Izvilupp għandu fih regoli simili fejn tidħol l-Istrateġija għall-Iżvilupp (SPED) u pjanijiet oħrajn.
Tal-ewwel huwa dokument strateġiku li jirregola l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-art u l-baħar fuq it-territorju u l-ibħra Maltin mentri fit-tieni jinkludi pjanijiet fuq suġġetti speċifiċi, pjanijiet lokali, pjanijiet lokali, pjanijiet ta'azzjoni żvilupp u immaniġġjar. L-artikoli 44 u 53 tal-Att Dwar L-Iżvilupp jiddikjaraw illi trid issir konsultazzjoni pubblika waqt it-tħejjija tal-pjan kif ukoll wara li jiġi ppubblikat l-abbozz kif ġa spjegat.
Barra minn hekk, regoli għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku huma nklużi wkoll fir-Regolamenti dwar stima Ambjentali Strateġika (S.L.549.61) SEA għal pjanijiet u programmi mniehda minn awtoritajiet pubbliċi li jista''jkollhom effetti ambjentali. Ir-regoli jiddefinixxu l-pubbliku bħala individwi jew gruppi għaqdiet jew assoċjazzjonijiet kif kontemplati fil-liġi. Barra minn hekk dawn ir-regoli jiddefinixxu bħala aċċessibbli għall-pubbliku il-fatt illi ssir pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u f'gazzetti lokali waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti. L-avviż ikollu fih fejn bniedem jista''jara d-dokument jew jixtrih, u l-prezz m'għandux ikun iżjed minn dak li sewa biex jiġi stampat u distribwit. B'dan il-mod żgur kulħadd ikollu aċċess għad-dokument.
Skond dawn ir-regoli, hemm opportunitajiet biex il-pubbliku ikun aġġornat kostantament u jista'jagħmel il-kummenti tiegħu waqt l-Istima Ambjentali Strateġika (SEA). L-awtoritajiet responsabbli huma obbligati li l-konklużjonijiet tagħhom dwar il-ħtieġa jew anqas ta'SEA, jingħataw lill-pubbliku. Barra minn hekk il-liġi timponi illi l-pjan jew programm preliminari jingħataw lill-pubbliku. B'dan il-mod il-pubbliku ikun qed jingħata opportunita minn kmieni bi żmien biżżejjed ta' mhux iżjed minn sittax il-ġimgħa mill-pubblikazzjoni tal-pjan jew programm flimkien mar-rapport ambjentali, biex jagħti l-opinjoni tiegħu fuq il-pjan propost u r-rapport ambjentali qabel ma jiġi adottat u jintbagħat biex jibda l-proċess leġislattiv.
Biex il-pubbliku li jista''jkollu interess ikun mgħarraf ( bħal organizzazzjonijiet li jħarsu l-ambjent) , l-avviż li juri li l-programm jew il-pjan jista''jinkiseb jiġi ppubblikat fil-gazzetta tal-gvern b'dettalji speċifiċi ta'fejn jista''jinkiseb id-dokument u kif u sa meta jiġu aċċettati osservazzjonijiet.
Bħala prattika, l-awtoritajiet huma mħeġġa jpoġġu l-iscoping report għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Meta jiġi konkluż il-proċess SEA u jiġu komunikati d-deċiżjonijiet meħuda, l-awtorità responsabbli għandha tassigura li meta jiġi adottat pjan jew programm, il-pubbliku jiġi informat u li s-segwenti informazzjoni tingħata;
Il-pjan jew il-programm adottat.
Dikjarazzjoni ta'kif konsiderazzjonijiet ambjentali ġew integrati fil-pjan jew programm u kif tħejja r-rapport ambjentali, l-opinjonijiet espressi u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet li ġew kunsidrati flimkien mar-raġunijiet għaliex ġie magħżul il-pjan kif addattat fid-dawl ta'alternattivi oħra;
Il-miżuri li ġie deċiż ser jintużaw fejn jidħol monitoraġġ.

Barra minn dawn, ir-**Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi (S.L.549.41)** jipprovdu għall-parteċipazzjoni pubblika fit-tħejjija għal pjanijiet speċifiċi u programmi fejn jidħlu l-iskart, l-ilma u l-arja kif speċifikat fl-iskeda.

L-awtorità kompetenti (l-ERA) għandha tieħu ħsieb illi l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fit-tħejjija, modifika jew reviżjoni ta' pjanijiet speċifiċi jew programmi.

L- ERA trid tikkonsidra r-riżultati tal-parteċipazzjoni pubblika meta tieħu d-deċiżjoni tagħha u għandha tinforma lill-pubbliku bid-deċiżjoni finali tagħha flimkien mar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom ittieħdu dawk id-deċiżjonijet, inkluż informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

**4) Huwa obbligatorju li tipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar il-ġustizzja fid-deċiżjoni amministrattiva u fis-sentenza?**

Meta l-Awtorità tal-Ippjanar tagħti deċiżjoni dwar permessi tal-iżvilupp ir-regola 13 (7) tar-Regolamenti dwar l-Ippjanar Tal-Iżvilupp (Proċedura ta' applikazzjonijiet u d-deċiżjoni relattiva) 2016 (S.L.552.13) tgħid illi l-avviż tad-deċiżjoni għandu jiġi komunikat lill-appellant , il-perit, konsulenti esterni, konsulenti oħrajn u individwi terzi interessati, fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-deċiżjoni.

L-art. 33 tal-kap 552 jobbliga lill-PA li jipprovdi lill-partijiet b'informazzjoni dettaljata fuq id-dritt li li jippreżentaw appell u l-liġijiet applikabbli għar-rigward tal-preżentata tal-appelli u t-termini applikabbli.

Fir-rigward ta'deċiżjonijet tat-Tribunal ta'Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, jintbagħat avviż bid-data tad-deċiżjoni lill-partijiet interessati. Dan ma jintbagħatx bil-posta reġistrata u jista''jkun u ġieli kien hemm każijiet fejn in-notifika ma tiġix konfermata. Id-deċiżjoni tal-EPRT tinqara fil-pubbliku u tingħata kopja lill-partijiet. Id-deċiżjoni ma tinkludix referenzi dwar kif jista''wieħed jappella.

**5) Il-parteċipanti barranin jiġi pprovduti b'servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni? X'inhuma r-regoli applikabbli?**

Il-lingwa tat-Tribunal ta'Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hija l-Malti, u s-sentenzi huma wkoll ippublikati bil-Malti. Però dejjem skond l-artikolu 21 Tal-Kap 12 u l-artikolu 12 tal-Kap 551 kull fejn xi wieħed mill-partijiet ma tifhimx il-lingwa li qed tintuża waqt il-proċeduri, jiġi provdut interpretu.

### 1.8. Regoli proċedurali speċjali

#### 1.8.1. Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) - dispożizzjonijiet relatati mad-Direttiva 2003/35/KE

*Regoli tal-**Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA)** speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-aċċess għall-ġustizzja*

**1) Regoli dwar il-locus standi u l-aċċess għall-ġustizzja relatati mal-iskrinjar (il-kundizzjonijiet, l-iskeda taż-żmien, il-pubbliku kkonċernat)**

L-Awtorità Tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) hija l-awtorità kompetenti responsabbli għall-Istudji Dwar l-Impatt Ambjentali (EIA), li huma regolati permezz tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali.(S.L.549.46)

L-iskeda 1 tar-regoli tal-EIA fiha lista tal-proġetti li jistgħu jikkwalifikaw għal EIA. Dettalji aħjar jistgħu jinkisbu minn fuq il-website tal-ERA. Meta proġett jitqies illi jaqa' taħt l-iskeda 1 għadha ssir Dikjarazzjoni ta'deskrizzjoni tal-proġett skond il-kriterji imniżżla fl-iskeda II tar-regoli tal-EIA (S.L.549.46).

Jekk żvilupp jaqa' taħt kategorija I tal-iskeda I tar-regoli tal-EIA (S.L.549.46) jiskatta mill-ewwel il-proċess tal-EIA , wara li jsir il-PDS.

Jekk il-proposta taqa' taħt il-kategorija II, irid isir EIA dettaljat skond l-iskeda III tal-istess regoli biex jiġi identifikat jekk il-proposta jistax ikollha impatt sinjifikanti skond l-istess proposta. Jekk l-istħarriġ dettaljat ma jirrilevax xi effetti ambjentali sinjifikanti, il-proposta ma jkunx hemm bżonn ta'rapport tal-EIA. Jekk mid-dokument tal-istħarriġ tal-EIA jirrizulta li hemm impatti sinjifikanti, il-proposta ikollha bżonn studji iżjed fil-fond u rapport tal-EIA.

Il-pubbliku ma jipparteċipax fil-proċess ta'stħarriġ tal-EIA.

**2) Regoli dwar il-locus standi relatati mal-kamp ta' applikazzjoni (il-kundizzjonijiet, l-iskeda taż-żmien, il-pubbliku kkonċernat)**

Fil-każ tal-EIA, ir-regolamenti tal-EIA (S.L.549.46) Maltin jaghtu opportunita lill-pubbliku li jipparteċipa fl-istadju tal-bidu. Skond ir-regola 16(2) entitajiet tal-Gvern, il-Kunsill Lokali tal-inħawi fejn ser isir il-proġett propost, Kunsilli Lokali li jistgħu jiġu affettwati, kif ukoll il-pubbliku (inkluż NGO) huma mistiedna mill-awtorità kompetenti (ERA), sabiex jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom, fi żmien 30 ġurnata, fuq kwalunkwe suġġett li jixtieqhere jaraw inkluż fit-termini tar-referenza (TOR). It-TOR li huma imfassla għall-proġett, jiddeterminaw il-kontenut tar-rapport tal-EIA.

L-izviluppatur huwa responsabbli biex jappunta koordinatur tal-EIA u konsulenti independenti biex jagħmlu l-istudji neċessarji u jivvalutaw l-impatti tal-parametri ambjentali identifikati fl-EIA TORS.

Is-sejbiet tal-EIA huma imbagħad inkorporati fir-rapport tal-EIA. Dan huwa rapport koordinat imfassal minn koordinatur independenti tal-EIA u grupp ta' konsulenti indipendenti. Ir-rapport jikkonsisti f'assessjar koordinat, apprezzamenti tekniċi tal-istudji speċjalizzati u estratt ta'natura mhux teknika. Kif ir-rapport tal-EIA jiġi konkluż, l-iżviluppatur huwa obbligat jippubblika notifika fil-gazzetti lokali biex jinforma lill-pubbliku illi rapport tal-EIA ġie mħejji u jinsab depożitat għand l-ERA u issa tista' ssir il-konsultazzjoni pubblika. Kopja diġitali tkun disponibbli fuq il-website tal-Awtorità u jkun hemm perjodu ta'30 ġurnata għall-konsultazzjoni. Fil-frattemp issir konsultazzjoni wkoll ma'entitajiet tal-Gvern, Kunsilli Lokali, u NGO. Kummenti magħmulin mill-ERA u l-konsulenti, inkluż il-pubbliku jintbagħtu lill-koordinatur tal-EIA għar-risposta.

Għall-proġetti taħt il-kategorija I trid issir laqgħa pubblika organizzata mill-iżviluppatur waqt jew wara il-perjodu ta'30 ġurnata konsultazzjoni. Kull kumment li jsir waqt il-laqgħa pubblika jew waqt l-perjodu ta'konsultazzjoni huma mgħoddija għand il-koordinatur tal-EIA għar-risposta.

F'dan l-istadju kull reviżjoni neċessarja li hemm bżonn issir fir-rapport, issir jew permezz ta'rapport ġdid jew addendum ma'dak li hemm.

Kif jintemm il-proċess l-ERA tipprepara rapport ibbażat fuq is-sejbiet tal-EIA flimkien ma'rakkomandazzjoni. Dan ir-rapport huwa l-bażi li fuqu tittieħed deċiżjoni dwar l-iżvilupp propost. Jekk l-iżvilupp jiġi appruvat dan ikun soġġett għal kondizzjonijiet speċifiċi u monitoraġġ wara l-permess.

**3) F'liema stadju/i jista' l-pubbliku jikkontesta d-deċiżjonijiet amministrattivi dwar proġetti ambjentali? Hemm skadenza biex jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet?**

Konformi mar-regola 34 tar-Regolamenti tal-EIA, kull min iħossu aggravat jista''jappella quddiem l-EPRT kontra deċiżjoni azzjoni jew omissjoni li għandhom x' jaqsmu mar-regoli tal-EIA.

Il-kap 551 tal-liġijiet ta'Malta jipprovdi għal appell lill-EPRT. Dan igħid hekk 'kull persuna tista'tappella minn deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Rizorsi biss fil-każ ta'studji ambjentali, aċċess għall-informazzjoni ambjentali u l-prevenzjoni ta'ħsara ambjentali.'

Appell lill-EPRT jista''jsir għal kull raġuni inklużi;

li sar żball materjali fuq fatt;

li kien hemm żball proċedurali;

li kien hemm żball ta'liġi;

li seħħet xi illegalita' nuqqas ta'raġuni, nuqqas ta'kunsiderazzjoni ta'effetti kontrarji, jew nuqqas ta'proporzjonalita.

Bil-liġi, appell għandu jsir quddiem l-EPRT fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni fuq il-website tad-dipartiment tal-informazzjoni. Fil-każ ta'appelli minn deċiżjonijet li m'hemmx bżonn ikunu ippublikati l-appell irid isir quddiem l-EPRT sa 30 ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni.

**4) Jista' wieħed jikkontesta l-awtorizzazzjoni finali? Taħt liema kundizzjonijiet, jekk wieħed ikun individwu, NGO jew NGO barranija?**

l-EIA mhuwiex permess jew awtorizzazzjoni. Madanakollu in konformita mar-regola 34 tar-regoli tal-EIA, kull min iħossu aggravat jista''jappella quddiem l-EPRT biex jattakka deċiżjoni, att jew nuqqas li hu regolat mir-regolamenti tal-EIA. Barra minn hekk l-art 47 tal-kap 551 jista' jintuża biex tiġi attakkata kwalunkwe deċiżjoni meħuda fl-EIA permezz ta'appell lill-EPRT. Skond dan, kull bniedem jista' jappella deċiżjoni tal-Awtorità Tal-Ambjent u r-Riżorsi, biss fejn jidħlu studji ambjentali , aċċess għall- informazzjoni ambjentali u prevenzjoni u t-tiswija ta'ħsara ambjentali.

Id-dritt tal-appell lill-EPRT huwa miftuħ għal kulħadd mingħajr bżonn li jintwera xi interess fil-kwistjoni.

Ir-riżultat aħħari tal-proċess ta’EIA hija il-pubblikazzjoni tar-rapport tal-EIA li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni meta tittieħed deċiżjoni fuq l-applikazzjoni. Id-deċiżjoni għall-permess tittieħed mill-awtorità kompetenti Maltija (dik li tiddeċiedi l-għoti jew ir-rifjut tal-permess mitlub) bħal per eżempju l-awtorità tal-ippjanar. Għalhekk jekk xi individwi jew NGO jew NGO barranin jixtiequ jikkontestaw proċess ta’EIA jistgħu jirrikorru għar-regola 34 tar-regoli tal-EIA. Jekk applikant, membru tal-pubbliku, NGO jew terz interessat jixtiequ jikkontestaw permess maħruġ mill-awtorità, iridu jaraw il-liġijiet li japplikaw għall-proċess tal-iżvilupp jew. tal-għoti tal-permessi. Per eżempju fejn l-awtorità hija dik tal-Ippjanar, l-Art 11(e) tal-kap 551 japplika, li jipprovdi l-opportunita ta’appell minn deċiżjoni tal-EPRT.

**5) Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju - kontroll fuq il-legalità sostantiva/proċedurali. Il-qorti tista’ taġixxi ex officio?**

Azzjoni għal reviżjoni ġudizzjarja ta’att amministrattiv, deċiżjoni jew nuqqas fil-proċess tal-EIA tista’’tiġi intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (l-ewwel Qorti). Din il-kawża issir taħt l-artiklu 469A 12 tal-kap u trid tiġi preżentata fi żmien 6 xhur mid-data li l-persuna issir taf jew setgħet issir taf b’tali att amministrattiv.

Il-Qorti ma tistax tiftaħ dawn il-proċeduri waħedha.

**6) F'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet?**

Kif inqal aktar il-fuq appell lill-EPRT minn deċiżjonijiet minn deċiżjonijet amministrattivi, atti jew nuqqasijiet għandu jsir fi żmien 30 ġurnata mill-pubblikazzjoni jew notifika.

Kawża għal reviżjoni ġudizzjarja ta’att amministrattiv fil-Qrati Ċivili trid tiġi preżentata fi żmien 6 xhur mid-data minn meta il-bniedem interessat sar jaf jew seta’ jsir jaf b’tali att skond liema kien l-ewwel.

**7) Qabel ma titressaq kawża l-qorti, jenħtieġ li jiġu eżawriti l-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Il-kawża ta’reviżjoni ġudizzjarja tapplika biss meta l-liġi ma toffrix azzjoni oħra kontra azzjoni amministrattiva quddiem qorti jew tribunali oħrajn. Dan ifisser illi appelli quddiem l-EPRT u l-Qorti tal-Appell ikunu jridu jsiru jekk huma kontemplati fil-liġi.

**8) Sabiex ikollok locus standi quddiem il-qrati nazzjonali huwa meħtieġ li tipparteċipa fil-fażi ta’ konsultazzjoni pubblika tal-proċedura amministrattiva - li tagħmel kummenti, tipparteċipa fis-seduta, eċċ., li ma jfissirx ir-rekwiżit stabbilit fil-punt 12?**

Fi procedure minn decizjonijiet tal-ERA quddiem l-EPRT m’hemmx bżonn ta’parteċipazzjoni fil-proċess. . Però biex tappella quddiem l-EPRT minn deċiżjonijiet tal-PA, parteċipazzjoni fil-forma ta’reġistrazzjoni hija meħtieġa. Quddiem il-Qrati Ċivili m’hemmx bżonn ta’parteċipazzjoni qabel però jinħtieġ l-interess ġuridiku.

**9) Ġust, ekwu – dan kif jiġi applikat fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali?**

Il-Kap 551 tal-liġijiet ta’Malta jgħidilna illi l-EPRT għandu jaderixxi ruħu u jħaddan il-prinċipji xierqa fl-amministrazzjoni u jirrispetta d-dritt ta’smiegħ xieraq, inkluż il-prinċipji tal-ġustizzja naturali primarjament; (i) nemo judex in causa sua u (ii) audi et alteram partem. L-EPRT għandu jassigura l-ugwaljanza bejn il-partijiet fil-proċeduri . Kulħadd għandu jingħata l-opportunita jesprimi ruħu bil-miktub u bil-fomm. Dawn huma prinċipji li jinsabu fil-Kostituzzjoni tagħna u osservati mill-Qrati.

**10) Kif inhu implimentat il-kunċett ta’ “tempestiv” mil-leġiżlazzjoni nazzjonali?**

Kap 551 tal-liġijiet ta’Malta jgħidilna illi l-EPRT irid jasal għad-deċiżjoni fi żmien raġonevoli. Però fl-appelli lill-EPRT mid-decizjonijiet tal-ERA m’hemm l-ebda termini stipulati.

Il-Qrati mhumiex marbutin bl-ebda żmien biex jagħtu s-sentenzi.

**11) Huwa disponibbli rimedju b'mandat ta' inibizzjoni? Jekk iva, x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali sabiex tkun eliġibbli għalih? Hemm regoli speċjali applikabbli għal dan is-settur apparti d-dispożizzjonijiet nazzjonali ġenerali?**

Fir-rigward ta’appelli minn deċiżjonjiet meħuda waqt il-proċess tal-EIA, l-effett tad-deċiżjoni ma jiġix sospiż sempliċiment għax ġie intavolat appell, sakemm l-EPRT jew il-Qorti tal-Appell ma jordnawx s-sospensjoni.

Fil-każ illi hemm appell minn approvazzjoni ta’azzjoni li tista’’tkun ta’dannu irriversibbli lill-ambjent, din l-approvazzjoni tista’’tkun sospiża mill-EPRT sad-deċiżjoni finali jekk l-EPRT tħoss illi b’dan il-mod jiġu evitati danni irriversibbli lill-ambjent.

Sospensjoni tista’ tintalab b’rikors quddiem l-EPRT għas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni jew mal-appell jew permezz ta’ħruġ ta’mandat t’inibizzjoni quddiem il-Qorti.

**1.8.2. Prevenzjoni u Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC)/Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) - dispożizzjonijiet relatati mad-Direttiva 2003/35/KE**

**1) Regoli tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-aċċess għall-ġustizzja**

S.L.549.77 Regolamenti Dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali jgħidulna illi l-awtorita kompetenti għandha tassigura illi l-informazzjoni prattika għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

**2) Regoli permanenti, f'liema stadji tista’ tikkontesta d-deċiżjonijiet (jekk tkun NGO, NGO barranija, ċittadin)? Id-deċiżjoni finali tista’ tiġi kkontestata?**

Skond ir-regola 20 ta’S.L.549.77 Regolamenti Dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tal-Emissjonijiet Industrijali membri tal-pubbliku li għandhom interess suffiċjenti jista’jkollhom aċċess għal proċedura ta’reviżjoni quddiem it-Tribunal ta’Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex jikkontestaw deċiżjonjiet, azzjonijiet jew nuqqasijiet taħt ir-regolamenti.

Jista’ jiġi ntavolat appell fi żmien 30 ġurnata wara deċiżjoni ta’għoti, rikonsiderazzjoni jew tiġdid ta’permess.

Għall-finijiet ta’dawn ir-regoli l-interess ta’NGO li tippromwovi l-interessi ambjentali hu biżżejjed biex tipparteċipa.

Barra minn hekk il-kap 551 jagħti dritt lil kull min għandu interess suffiċjenti li jkollu dritt ta’kontestazzjoni quddiem l-EPRT dwar il-legalita ta’kull deċiżjoni, azzjoni jew nuqqas f’każijiet ta’ zvilupp jew installazzjoni soġġett għal EIA jew permess tal-IPPC.

Wieħed jista’ wkoll jiftaħ kawża għar-reviżjoni ta’ att amministrattiv fi żmien sitt xhur minn meta jseħħ u minn meta seta’ jsir jaf li seħħ skond meta l-ewwel. Min jagħmel l-azzjoni irid ikollu interess suffiċjenti. Dan il-prinċipju ingħata interpretazzjoni wiesgħa mill-Qrati tagħna fil-każ ta’NGO tal-ambjent. L-individwu però irid juri interess dirett u personali.

**3) Regoli dwar il-locus standi u l-aċċess għall-ġustizzja relatati mal-iskrinjar (il-kundizzjonijiet, l-iskeda taż-żmien, il-pubbliku kkonċernat)**

Fil-fażi ta’screening m’hemmx parteċipazzjoni tal-pubbliku kontemplat. Membri tal-pubbliku li għandhom interess suffiċjenti għandhom il-proċedura spjegata iżjed ‘l fuq biex jikkontestaw f’dan l-istadju.

**4) Regoli dwar il-locus standi relatati mal-kamp ta’ applikazzjoni (il-kundizzjonijiet, l-iskeda taż-żmien, il-pubbliku kkonċernat)**

L-opportunita għall-konsultazzjoni pubblika tingħata waqt il-proċess tal-ippjanar. Din hija spjegata f’1.7.4.2.

Il-membri tal-pubbliku li għandhom interess suffiċjenti għandhom il-proċedura deskritta qabel biex jikkontestaw deċiżjonijiet meħuda.

**5) F'liema stadju/i jista’ l-pubbliku jikkontesta d-deċiżjonijiet amministrattivi dwar proġetti ambjentali? Hemm skadenza biex jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet?**

Kif ġa intqal appell lill-EPRT isir fi żmien 30 ġurnata mill-pubblikazzjoni jew notifika.

L-azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja issir fi żmien 6 xhur minn meta l-individwu sar jaf jew seta’ jsir jaf b’dan l-att skond liema jiġi l-ewwel.

**6) Il-pubbliku jista’ jikkontesta l-awtorizzazzjoni finali?**

Il-pubbliku jista’jikkontesta l-permess finali permezz ta’appell quddiem l-EPRT fi żmien 30 ġurnata mill-pubblikazzjoni tas-sentenza jew in-notifika tal-istess.

**7) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju - kontroll fuq il-legalità sostantiva/proċedurali. Il-qorti tista' taġixxi ex officio? Huwa possibbli li jiġu kkontestati deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet?**

Kawża għar-reviżjoni ta'att amministrattiv (inklużi deċiżjonijiet fuq l-ambjent) tista' tinfetaħ quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili taħt l-artikolu 469A kap 12 . Atti amministrattivi jistgħu jiġu kontestati meta jiksru l-kostituzzjoni, jew meta jsiru minn awtorità pubblika li mhix awtorizzata tagħmilhom, jew meta l-awtorità pubblika kisret il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, jew kisret il-proċedura f'xi stadju li trid tiġi addottata f'dawn il-każijiet, jew ikun hemm abbuż tal-poter tal-awtorità , jew tittieħed fuq bażi ta' irrilevanti jew l-att imur jontra l-liġi. L-azzjoni amministrattiva tinkludi l-għoti ta'permessi, liċenzji, deċizjonijiet , ordnijiet, warrant, deċiżjoni jew rifjut ta'xi talba tal-appellant.

Il-Qorti tqis il-legalita tal-proċedura tal-att jew l-omissjoni li qed jiġi kontestat. Il-Qorti tista' tannulla l-azzjoni u tordna rimedju, però ma tistax tuża d-diskrezzjoni tagħha flok dik tal-awtorità.

Il-Qorti tista' toqgħod fuq il-pariri ta'esperti – imqabbda mill-Qorti stess jew xhieda ex parte sabiex tiddeċiedi fuq kemm kienet raġonevoli d-deċiżjoni meħuda. Dan isir biss biex jiġi stabbilit jekk kienitx intużat il-proċedura korretta.

Il-Qorti ma tistax tibda proċeduri bħal dawn waħedha.

**8) F'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati?**

Azzjoni għar-reviżjoni trid tinfetaħ fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-persuna interessata saret taf jew setgħet issir taf b'dan l-att amministrattiv ,liema jiġi l-ewwel.

**9) Qabel ma titressaq kawża l-qorti, jenħtieġ li jiġu eżawriti l-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Ir-reviżjoni ġudizzjarja hija applikabbli biss meta ma teżisti l-ebda forma ta'kontestazzjoni oħra quddiem Qorti jew Tribunal fi kwalunkwe liġi oħra.

**10) Sabiex ikollok locus standi quddiem il-qrati nazzjonali huwa meħtieġ li tipparteċipa fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika tal-proċedura amministrattiva – li tagħmel kummenti, tipparteċipa fis-seduta, eċċ.?**

Biex ikollok dritt tappella quddiem l-EPRT minn deċizjonijiet tal-ERA, m'hemmx bżonn ta'parteċipazzjoni qabel dan l-istadju. Biex però tipparteċipa quddiem l-EPRT f'appelli minn deċizjonijiet tal-PA, f'ċerti każijiet ikollok bżonn tkun reġistrat bħala terz interessat. Fil-każ tal-Qrati l-ebda parteċipazzjoni ma trid tiġi ppruvata imma irid jeżisti interess
ġuridiku.

**11) Ġust, ekwu – dan kif jiġi applikat fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali?**

Il-kap 551 tal-Liġijiet ta'Malta jiddikjara illi l-EPRT għandu japplika prinċipji ta'amministrazzjoni ġusta u jirrispetta d-dritt ta'smiegħ xieraq tal-partijiet, inklużi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali speċifikament ; (i) nemo judex in causa sua u (ii) audi et alteram partem. L-EPRT irid jassigura illi jkun hemm l-ugwaljanza bejn il-partijiet fil-proċeduri quddiemu. Kull parti għandha tingħata l-opportunita tippreżenta l-argumenti tagħha, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm mingħajr żvantaġġ. Dawn il-prinċipji huma kristallizzati fil-kostituzzjoni tagħna u meqjusa mill-Qrati tagħna.

**12) Kif inhu implimentat il-kunċett ta' "tempestiv" mil-leġiżlazzjoni nazzjonali?**

Il-kap 551 jistipula illi l-EPRT għandha tasal għall-konklużjonijiet tagħha fi żmien raġonevoli. Kif ġa spjegat (tweġiba 1.7.1.2) hemm termini li fihom l-EPRT għandha tasal għad-deċizjonijiet tagħha però dawn mhumiex enforzabbli.

Fil-liġi m'hemm l-ebda terminu li fih trid tingħata sentenza. Dan jista'jagħti lok meta appell jew kawża quddiem il-Qrati ikunu għalxejn jekk ma jkunx hemm ordni ta'sospensjoni mill-qrati jew l-EPRT billi l-effett tal-ordni jibda jseħħ waqt li l-appelli jkunu għadhom għaddejjin.

**13) Huwa disponibbli rimedju b'mandat ta' inibizzjoni? Jekk iva, x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali biex tkun eliġibbli għalih? Hemm regoli speċjali applikabbli għal dan is-settur apparti d-dispożizzjonijiet nazzjonali ġenerali?**

Fejn jidħlu appelli minn deċizjonijiet ta'għoti ta'permess taħt il-proċess tal-IPPC l-effett tad-deċizjoni ma jiġix sospiz sempliċiment għax ġie intavolat appell sakemm ma jiġix ordnat mill-EPRT jew il-Qorti tal-Appell.

Fil-każ ta'appell fuq approvazzjoni jew approvazzjoni in parti ta'permess għal azzjoni li tista'tkun ta'dannu irriversibbli għall-ambjent, l-approvazzjoni tista'tkun sospiża mit-Tribunal sakemm jagħti s-sentenza finali jekk l-istess Tribunal iħoss illi jista'jkun hemm konsegwenzi irriversibbli fuq l-ambjent jew raġunijet oħra ta'natura simili.

Is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċizjoni tista' tintalab permezz ta'rikors quddiem L-EPRT prezentat flimkien mal-appell, jew permezz ta'mandat t' Inibizzjoni quddiem il-Qorti skont il-kaz.

**14) L-informazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja hija pprovduta lill-pubbliku b'mod strutturat u aċċessibbli?**

Ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijet Industrijali (S.L.549.77) jagħtu informazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja ara risposta għad-domanda 1.7.4.2.

Fl-avviżi dwar id-deċizjonijiet meħudin mill-ERA u mtellgħin fuq il-website tal-ERA ikun hemm inkluż informazzjoni dwar kif tista''tappella. L-avviżi mibgħuta lill-appellanti rigward permessi ambjentali ukoll jinkludu referenza għal kif tista' tappella.

**1.8.3. Responsabbiltà ambjentali[6]**

*Regoli legali speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali 2004/35/KE, l-Artikoli 12 u 13*

**1) Liema rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati biex persuni fiżiċi jew ġuridiċi (inklużi NGOs ambjentali) jiksbu reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda dwar rimedju ambjentali mill-awtorità kompetenti minn qorti jew entità oħra indipendenti u imparzjali skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (ELD)?**

S.L. 549.97 Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għad-Danni Ambjentali jgħidulna x'rimedji hemm għal min iħossu aggravat mid-danni ambjentali jew theddida imminenti ta'dawn id-danni.

Ir-regola 13 tgħidilna illi l-individwi jew persuni legali li huma affettwati minn danni ambjentali jew li jistgħu jkunu affettwati, jew li għandhom interess suffiċjenti fil-proċess tat-teħid ta'deċizjonijiet fuq l-ambjent li għandu x'jaqsam mal-ħsara involuta, ikollhom dritt jippreżentaw quddiem l-ERA l-osservazzjonijiet tagħhom fuq inċidenti ta'ħsara ambjentali li jafu bihom u jkollhom dritt jitolbu illi l-Awtorità kompetenti tieħu azzjoni ta'rimedju taħt dawn ir-regoli.

Jekk imbagħad l-individwu jixtieq jikkontesta d-deċiżjoni tal-ERA jew in-nuqqas t'azzjoni, jista' jsir appell lill-EPRT fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fuq il-website tad-Dipartiment tal-informazzjoni mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Rizorsi jew fi żmien 30 ġurnata min-notifika meta ma jkunx hemm bżonn ta'pubblikazzjoni. Peress illi dan hu wieħed minn dawk il-każijiet l-appell isir fi żmien 30 ġurnata min-notifika.

Meta l-EPRT tagħti d-deċiżjoni tagħha dik id-deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell fi żmien 20 ġurnata.

Skond ir-regolamenti wieħed jitqies illi għandu interess suffiċjenti jekk ikun għamel rappreżentazzjonijiet fir-rigward ta'ħruġ ta'permess, jew jekk jikkwalifika bħala konsulent jew għandu sehem taħt ir-regoli tal-Istudji Dwar l-Impatt fuq L-Ambjent.

Kull NGO li taħdem għall-protezzjoni tal-ambjent titqies bħala li għandha interess biżżejjed għal dan l-iskop.

**2) X'inhi l-iskadenza għat-tressiq ta' appelli?**

Jekk l-individwu aggravat jixtieq jikkontesta d-deċiżjoni tal-ERA jew in-nuqqas t'azzjoni, jista' jsir appell lill-EPRT fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fuq il-website tad-Dipartiment tal-informazzjoni mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi jew fi żmien 30 ġurnata min-notifika meta ma jkunx hemm bżonn ta'pubblikazzjoni. Peress illi dan hu wieħed minn dawk il-każijiet l-appell isir fi żmien 30 ġurnata min-notifika.
Meta l-EPRT tagħti d-deċiżjoni tagħha dik id-deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell fi żmien 20 ġurnata.

**3) Hemm rekwiżiti għal osservazzjonijiet li jakkumpanjaw it-talba għal azzjoni skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali (ELD) u jekk iva, liema?**

Skont S.L.549.97 Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali l-individwi jew persuni legali li huma affettwati minn danni ambjentali jew li jistgħu jkunu affettwati, jew li għandhom interess suffiċjenti fil-proċess tat-teħid ta'deċizjonijiet fuq l-ambjent li għandu x'jaqsam mal-ħsara involuta, ikollhom dritt jippreżentaw quddiem l-ERA l-osservazzjonijet tagħhom fuq inċidenti ta'ħsara ambjentali li jafu bihom u jkollhom dritt jitolbu illi l-Awtorità kompetenti tieħu azzjoni ta'rimedju taħt dawn ir-regoli.
Ir-Regolament 13(3) jiddikjara illi t-talba għall-azzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni u data in sostenn ta'dak li qed jiġi allegat bħala ħsara ambjentali. Ħlief li tkun rilevanti m'hemm l-ebda kriterju ieħor għall-informazzjoni li trid tingħata.

**4) Hemm rekwiżiti speċifiċi rigward "plawżibbiltà" biex jintwera li seħħet ħsara ambjentali, u jekk iva, liema?**

Anke jekk it-talba għall-azzjoni flimkien mal-osservazzjonijiet magħmula iridu juru illi l-ħsara ambjentali hija realistika' r-regoli ma fihomx definizzjonijiet partikolari, importanti biss illi il-ħsara ambjentali taqa'taħt id-definizzjoni li hemm f'S.L. 549.97.

**5) Huwa meħtieġ ċertu mod u/jew skadenzi stabbiliti fir-rigward tan-notifika tad-deċiżjoni mill-awtorità kompetenti lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi intitolati (inklużi l-NGOs ambjentali intitolati)? Jekk iva, liema?**

S.L.549.97 Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju Għal Danni Ambjentali jgħidulna illi l-Awtorità kompetenti għandha kemm jista' jkun malajr, tinforma lill-persuna/i li għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-Awtorità , bid-deċiżjoni tagħha li taċċetta jew tirrifjuta t-talba għall-azzjoni flimkien mar-raġunijiet li wasslu għall-konklużjoni. Però għal darb'oħra m'hemm l-ebda terminu biex dan isir.

**6) L-Istat Membru japplika estensjoni tal-jedd li tintalab azzjoni minn awtorità kompetenti għal ħsara lill-ambjent f'kawżi ta' theddida imminenti ta' tali ħsara?**

Taħt ir-regola 13 ta'S.L. 549.97 talba għall-azzjoni fuq ħsara ambjentali tista'ssir għal waħda mill-attivitajiet mnizzla fir-regola, u r-riskju ta'danni ambjentali kaġun ta'waħda mill-attivitajiet imnizzla hemm.

**7) Liema huma l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Istat Membru?**

L-awtorità kompetenti hija l-ERA.

**8) L-Istat Membru jeħtieġ li l-proċedura ta' stħarriġ amministrattiv tiġi eżawrita qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji?**

Azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja ta'att amministrattiv (inkluż dawk ambjentali) jistgħu jiġu intavolati quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili. Din l-azzjoni hija bażata fuq l-art 469A kap 12. Din l-azzjoni tista' ssir biss fejn l-ebda liġi oħra ma tagħti rimedju. Għalhekk iridu jiġu eżawriti l-proċeduri kollha l-oħra qabel ma bniedem jirrikorri għal dan ir-rimedju.

**1.8.4. Regoli ta' proċeduri transfruntieri f'kawżi ambjentali**

**1) Hemm regoli dwar l-involviment ta' pajjiżi oħra? F'liema stadju tal-proċedura hemm il-possibbiltà li jiġu kkontestati deċiżjonijiet ambjentali?**

Ir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni Tal-impatti Ambjentali (S.L.549.46) jipprovdu għall-konsultazzjoni oltre konfini fis-sezzjoni vii tal-imsemmija regolamenti.
Meta l-Ministru tal-Ambjent isir jaf illi xi proġett ġewwa Malta jista'jaffettwa l-ambjent ta'pajjiż ieħor tal-EU, jew xi stat jagħmel talba, il-Ministru għandu javża lil dak l-istat kemm jista''jkun malajr u mhux iktar tard minn meta jsir jaf il-pubbliku Malti. L-avviż għandu jku jinkludi;
Informazzjoni dwar il-proġett u s-sit flimkien mal-konsegwenzi li jista''jkun hemm oltre konfini.
Informazzjoni fuq xi deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu
Kull informazzjoni oħra rilevanti skont il-Ministru.
Il-Ministru għandu jagħti lill-dan l-istat 30 ġurnata biex jindika jixtieqx jieħu sehem fil-proċess tad-deċiżjoni ambjentali, studju dwar l-impatt ambjentali skont il-każ.
Jekk stat ieħor jqis illi l-ambjent tiegħu ser jiġi affettwat ħażin minn proġett li ser iseħħ ġo Malta u ma ġiex notifikat b'avviż kif suppost, il-Ministru għandu jgħaddi l-informazzjoni kollha xierqa u jżomm diskussjonijiet dwar jekk jistax ikun hemm impatt negattiv oltre konfini.
Jekk l-istat interessat jinforma lill-Ministru illi bi ħsiebu jipparteċipa fil-proċess il-Ministru għandu jgħaddi l-informazzjoni kollha meħtieġa skont ir-regolamenti.
L-istat interessat jista'jidhol f'konsultazzjonijiet mal-Ministru dwar;
l-effetti oltre konfini tal-proġett;
alternattivi possibbli għall-proġett;
miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex jiġu mitigati jew eliminati xi effetti;
monitoraġġ ta'dawn il-miżuri u tal-proġett;
assistenza reċiproka għat-tnaqqis tal-impatt tal-proġett;
kull miżura li titqies siewja għall-proġett.
Għal dan l-iskop l-istat interessat għandu jiftiegħem mal-Ministru għal perjodu raġonevoli għall-konsultazzjoni, dejjem skond in-natura, skop u daqs tal-proġett u fejn ser isir. L-istat interessat għandu wkoll jipprovdi lill-Ministru dettalji dwar l-ambjent li ser jiġi milqut ġewwa l-pajjiż fejn din l-informazzjoni hija meħtieġa għar-rapport.
L-istat interessat jista' wkoll jirranġa biex l-informazzjoni tingħata lill-pubbliku tiegħu fi żminijiet raġonevoli sabiex ikunu jistgħu jaqsmu l-fehmiet tagħhom u jipparteċipaw fil-proċess tad-deċiżjoni qabel ma jingħata permess għall-proġett. L-istat interessat għandu jgħaddi l-opinjoni lill-Ministru fiż-żmien stipulat fir-regolamenti, li imbagħad għandu jgħaddihom lill-ERA.
Il-Ministru għandu jinforma lill-istat interessat bid-deċiżjoni meħuda fuq il-proġett flimkien mal-konsiderazzjonijiet u r-raġunijiet fuqhiex ittieħdet id-deċiżjoni. Dan flimkien mat-termini u l-kundizzjonijiet u informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni pubblika. Din l-informazzjoni tista' tingħata mill-istat lill-pubbliku tagħha.
Jekk tinstab informazzjoni addizzjonali fuq l-effetti oltre konfini ta'proġett ibbażat ġewwa Malta, li ma kienitx magħrufa fiż-żmien meta kienet qed tittieħed id-deċiżjoni u li setgħet taffettwa d-deċiżjoni, u tiġi f'idejn il-Ministru jew f'idejn l-istat interessat, qabel ma jibda l-proġett, il-Ministru għandu jinforma lill-istat interessat u vice versa skont il-każ. F'każ bħal dan z-żewġ partijiet jistgħu jitolbu illi jsiru taħditiet dwar jekk id-deċiżjoni għandhiex tiġi revokata.
Meta l-monitoraġġ ta'proġett jew xi analiżi li ssir wara t-tmiem ta'proġett jirrileva impatti sinjifikanti oltre konfini jew fatti li jistgħu jwasslu għal dan, il-Ministru għandu jinforma lill-Istat u vice versa skond il-kaz. Iz-zewġ partijiet għandhom imbagħad jaraw x'miżuri għandhom jittieħdu biex jirriduċu, jeliminaw, jżommu jew itaffu dan l-impatt, kif ukoll tingħata għajnuna reċiproka għal dan l-iskop.
Il-komunikazzjoni bejn l-istati tkun regolata u soġġetta għall-liġijiet ta'Malta.
Ir-regola 26 tar-regoli tal-EIA jirregolaw l-proċedura meta proġett fi stat barrani jista' jkollu impatt fuq it-territorju Malti.
Ir-regola 27 tar-regoli tal-EIA tipprovdi għal sitwazzjoni fejn proġett jew serje ta'proġetti mhux imnizzla fl-iskeda I tar-regoli tal-EIA (jew fil-liġijiet korrespondenti ta'stat) jista'jkollhom impatt oltre konfini. F'kazijiet bħal dawn il-Ministru responsabbli għall-ambjent jista',fuq parir tal-ERA jista' jidħol f'taħditiet mal-istat, u dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ.

Ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika wkoll jipprovdu għall-konsultazzjoni lil hinn mill-konfini tagħna permezz tar-regola 8, li tgħidilna li; Meta l-awtorità responsabbli taħseb illi t-twettiq ta'pjan jew programm fit-territorju tagħha jista' jkollu impatt fuq l-ambjent fi stat membru ieħor, jew meta stat membru li jista' jiġi affettwat jagħmel talba, l-istat membru li fit-territorju tiegħu ikun qed jitħejja l-proġett għandu minnufih qabel ma jiġi addottat, jgħaddi kopja tal-pjan flimkien mar-rapport ambjentali lill-istat membru l-ieħor.

Ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal danni Ambjentali wkoll jagħtu provvediment fuq danni ambjentali oltre konfini, li jista' jeffettwa membri stati tal-Unjoni Ewropea. Jekk issir ħsara ambjentali Malta jkollha tagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Istati tal-EU affettwati.

**2) Kunċett ta' pubbliku kkonċernat?**

L-idea ta'pubbliku kkonċernat f'kuntest oltre konfini hija bħal dik ġewwa l-pajjiżi; jew individwi jew entitajiet legali jew NGO ambjentali. M'hemmx lista ta' każijiet fejn wieħed jista' jagħżel bejn qrati ta'pajjiżi differenti. L-għażla tiddependi fuq il-qrati li qed jieħdu ħsieb il-każ.

**3) L-NGOs tal-pajjiż affettwat għandhom locus standi? Meta u lil liema qorti għandhom jissottomettu l-appelli tagħhom? Għal liema għajnuna proċedurali huma eliġibbli (għajnuna legali, talba għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, miżuri kawtelatorji, pro bono)?**

Il-prinċipju ta'nuqqas ta'diskriminazzjoni huwa applikabbli u NGO tal-pajjiżi affettwati li huma reġistrati fl-EU għandhom l-istess locus standi ta'NGO lokali. M' hemm l-ebda forma ta'għajnuna proċedurali għal l-NGO lokali kif ukoll dawk barranin.

**4) L-individwi tal-pajjiż affettwat għandhom locus standi? Għal liema għajnuna proċedurali huma eliġibbli (għajnuna legali, talba għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, miżuri kawtelatorji, pro bono)?**

Sakemm mhux dikjarata fil-liġi applikabbli bħal fil-kaz tal-aċċess għall-informazzjoni ambjentali, EIA u IPPC, m'hemmx dritt għall-aċċess għall- ġustizzja għal individwi li m'għandhomx interess dirett. Dan japplika l-istess għal individwi li m'għandhomx interess dirett. Dan japplika l-istess għal individwi f'pajjiżi affetwati.

**5) F'liema stadju tiġi pprovduta l-informazzjoni lill-pubbliku kkonċernat (inklużi l-partijiet ta' hawn fuq)?**

L-istat affetwat għandu jirċievi l-informazzjoni minnufih u mhux iktar tard minn meta jiġi infurmat il-pubbliku Malti.

**6) X'inhuma l-iskedi ta' żmien għall-involviment tal-pubbliku, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja?**

Hemm terminu ta'30 ġurnata għal appell minn decizjoni dwar it-termini ta'referenza tal-EIA u 30 ġurnata oħra għall-konsultazzjoni fuq ir-rapport tal-EIA.

**7) Kif tingħata l-informazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja lill-partijiet?**

Informazzjoni rigward il-proċess ta'konsultazzjoni pubblika, perjodi ta'konsultazzjoni, termini ta'referenza tal-EIA, u r-rapporti finali tal-EIA huma ppublikati fuq il-website tal-ERA. NGO, kunsilli lokali u partijiet oħra interessati jirċievu posta elettronika. Ma tingħatax informazzjoni dwar kif għandek tattakka l-EIA man-notifiki mibgħuta.

**8) Il-parteċipanti barranin jiġi pprovduti b'servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni? X'inhuma r-regoli applikabbli?**

L-informazzjoni hija pubblikata bl-ingliz u m'hemmx traduzzjoni tagħha għall-barranin.

**9) Hemm xi regoli rilevanti oħrajn?**

Le.

---

[1] Artiklu 9(2)
[2] Artiklu 116
[3] Artiklu 50(1) Att EPRT (Kap 551)
[4] Artiklu 589. Kap 12
[5] Artiklu 47(3) kap 551
[6] Ara wkoll il-Kawża C-529/15.

L-aħħar aġġornament: 03/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Aċċess għall-ġustizzja li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-VIA, IPPC/IED, aċċess għall-informazzjoni u l-ELD

### 1.1. Deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE iżda barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi VIA u IED (VIA (Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali), IED (id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali)[1]

**1) X'inhuma r-regoli statutorji nazzjonali applikabbli dwar il-locus standi kemm għall-individwi kif ukoll għall-NGOs li jixtiequ jiksbu a) stħarriġ amministrattiv u b) kontestazzjoni legali quddiem qorti nazzjonali fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni tad-deċiżjoni, l-att jew l-ommissjoni u l-kontenut tagħhom (partikolarment, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti u kwalunkwe skadenzi li japplikaw għas-sottomissjoni ta' kontestazzjoni)? Kemm huwa effettiv il-livell ta' aċċess għall-qrati nazzjonali fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u ta' kwalunkwe ġurisprudenza nazzjonali relatata?**

Deċiżjonijiet, azzjonijiet jew nuqqasijiet li jaqgħu taħt l-iskop tal-liġijiet ambjentali tal-EU imma li huma barra l-ambitu tad-direttiva tal-EIA u IED, jistgħu jiġu kontestati taħt żewġ proċeduri skond liema entita għamlet l-azzjoni l-omissjoni jew id-deċiżjoni.

**Appell minn deċiżjonijiet meħudin mill-ERA**

L-ERA hija l-awtorità kompetenti li hija mistennija illi tagħmel numru sostanzjali ta'deċiżjonijiet jew toħroġ regoli, ordnijiet jew awtorizzazzjonijiet li jaqgħu taħt l-iskop tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-EU. Għal dak li għandu x'jaqsam ma dawn it-tipi ta'deċiżjonijiet jeżisti l-appell taħt l-artiklu 47 tal-kap 551.

Dan igħidilna illi l-partijiet jistgħu jappellaw mid-deċiżjonijiet tal-ERA u l-EPRT skont l-att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u r-regoli li fih, u li kull persuna tista' tappella minn deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi fil-każ ta' studji fuq l-impatt ambjentali, aċċess għall-informazzjoni ambjentali u l-prevenzjoni u t-tiswija ta'ħsara ambjentali.

Dan ifisser illi kull deċiżjoni tal-ERA magħmula skont l-Att Dwar il-Protezzjoni Ambjentali tista'tiġi appellata minn terzi bħall-applikant li ġie mċaħħad minn permess ambjentali jew terz li jkun oġġezzjona għall-ħruġ tal-imsemmi permess mill-ERA. It-tieni parti ta'dina l-liġi tipprovdi għal appell minn kull persuna fi tlett sitwazzjonijiet ikkontemplati fl-istess liġi.

Appell lill-EPRT jista' jsir għal kwalunkwe raġuni inkluż;
meta jsir żball fuq il-fatti;
meta jsir żball fuq il-proċedura
meta jsir żball ta'liġi
meta jkun hemm illegalita, nuqqas ta'raġuni, nuqqas ta'konsiderazzjoni ta'fatti kontrarji, jew nuqqas ta'proporzjonalita.

In-nuqqas ta'osservanza tal-leġislazzjoni ambjentali tal-EU tista'titqies bħala żball proċedurali jew żball ta'liġi u għalhekk tista''titqies bħala raġuni għall-appell taħt din il-liġi.

Ta'min jinnota illi id-definizzjoni ta'persuna taħt din il-liġi tinkludi assoċjazzjoni jew grupp ta'nies, sew jekk reġistrati bħala korp legali jew le. Dan jaqbel mad-definizzjoni ta' individwu taħt il-kap 549 tal-Liġijiet ta'Malta (l-Att dwar il-Protezzjoni Ambjentali) li jiddefinixxi bħala "individwu" korp jew assoċjazzjoni ta'nies sew jekk għandhom persunalità ġuridika jew le u li tinkludi għaqdiet volontarji ambjentalisti. Għalhekk kemm individwi kif ukoll għaqdiet li jħossuhom aggravati mid-deċiżjoni jistgħu jappellaw. L-appellanti m'għandhomx għalfejn juru xi interess ġuridiku kif mifhum bil-liġi, biżżejjed però illi juru raġunijiet ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-appell tagħhom.

Għal dak li huma termini biex tappella, l-appell irid jiġi preżentat fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni mill-ERA fuq il-website tad-dipartiment tal-informazzjoni. Appelli minn deċiżjonijiet illi m'għandhomx għalfejn jiġu pubblikati għandhom jiġu ppreżentati quddiem l-EPRT fi żmien 30 ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni. Fil-preżenti id-deċiżjonijiet tal-ERA mhumiex ippublikati fuq il-website tad-Dipartiment Tal-Informazzjoni. Ma teżistix l-anqas sistema regolari ta'notifiki ta'deċiżjonijiet ordnijiet jew awtorizzazzjonijiet magħmula mill-ERA lil terzi, għalhekk qatt m'hu ċar meta jiskadi t-terminu tal-appell. Wieħed jippreżumi illi t-terminu ta'30 ġurnata jibda jiddekorri minn meta l-individwu jsir jaf bid-deċiżjoni.

Appell minn deċiżjoni tal-EPRT jista''jsir lill-Qorti tal-Appell fuq punti legali biss. Dan l-appell irid isir fi żmien 20 ġurnata minn meta l-EPRT tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-pubbliku.

**Deċiżjonijiet meħudin minn entitajiet oħra**

Jekk id-deċiżjoni li qed tiġi kontestata toħroġ minn entita oħra mhux l-ERA, bħal per eżempju dipartiment tal-Gvern jew ministeru tista''tintalab reviżjoni tal-att amministrattiv kif ġej. Din il-kawża trid issir fi żmien 6 xhur mid-deċiżjoni jew minn meta r-rikorrent seta jsir jaf bid-deċiżjoni liema jiġi l-ewwel.

Kemm hu effettiv l-aċċess għall-Qrati jibqa' xi ftit dubjuż peress illi hemm ftit ċans li tingħata sospensjoni tal-ordnijiet (kif ġa spjegat) u minħabba illi l-Qrati jdumu biex jagħtu d-deċiżjoni tagħhom. Kawża ta'reviżjoni taf tieħu 6 jew 7 snin biex tinqata', u għalhekk wara dan il-perjodu l-punt jibqa' biss wieħed akkademiku. Bħala eżempju nistgħu nieħdu l-kawża li saret kontra l-estensjoni taz-zoni tal-iżvilupp ġewwa Malta. Din il-kawża nfetħet minn ENGO lokali fl-2007[2] u s-sentenza għadha ma ngħatatx wara 13 il-sena Barra l-fatt illi din għadha ma nqatgħetx, hemm ukoll possibilita ta'appell mis-sentenza li jfisser illi m'hemmx rimedju effettiv.

**2) X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ amministrattiv (jekk applikabbli) u tal-istħarriġ ġudizzjarju (jekk applikabbli)? Dan ikopri kemm il-legalità proċedurali kif ukoll dik sostantiva?**

Appell għar-**reviżjoni amministrattiva** quddiem l-EPRT jista'jiġi ntavolat rigward medda ta'aggravji varji kif fuq spjegat. Dawn jinkludu aggravji kemm proċedurali kif ukoll sostanzjali.

Azzjoni għar-**reviżjoni ġudizzjarja** ta'atti amministrattivi (inkluż dawk ambjentali) tiġi preżentata quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili bħala l-ewwel Qorti. Din il-kawża ssir a bażi tal-artiklu 469A tal-kap 12 tal-liġijiet ta'Malta.

Atti amministrattivi jistgħu jiġu kontestati meta jiksru l-provedimenti tal-Kostituzzjoni, jew meta jsiru minn minn awtorita pubblika li m'għandhiex il-poter li toħroġhom, jew meta l-awtorità pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ( 'nemo iudex in causa propria' u 'audi alteram partem'), jew dawk tal-proċedura meta tittieħed id-deċiżjoni jew fit-tħejjija tagħha, jew l-att amministrattiv jinvolvi abbuż tal-poter tal-awtorità pubblika peress illi jkun sar għal skopijiet illeċiti jew fuq bażi ta'konsiderazzjonijiet irrilevanti ; jew dan l-att imur kontra l-liġi. Atti amministrattivi jinkludu l-ħruġ minn awtorità pubblika ta' ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut għal xi domanda tal-appellant.

Il-Qorti tħares lejn il-legalita tal-att jew in-nuqqas li qed jiġi attakkat. Il-Qorti tista' tannulla l-att jew in-nuqqas li qed jiġi kontestat u tista'wkoll tordna rimedju jew kumpens, ma tistax pero tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-awtorità li kkommetiet l-att.

Waqt is-smiegħ tal-kawża għar-reviżjoni quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili, tista 'issir talba għal referenza preliminari skont l-artiklu 267 tat-Trattat tal-Funzjoni tal-EU (TFEU), sabiex il-Qorti Ewropea tiddikjara jekk il-liġi nazzjonali hijiex konformi ma'dik Ewropea. Hija biss l-ogħla Qorti li hija obbligata tagħmel din it-talba jekk tħoss li hemm bżonnha. L-ewwel Qorti għalhekk tista' tiċħad tali talba għar-referenza, f'liema każ din tista' tiġi mitluba waqt il-proċeduri quddiem l-Appell.

Ir-reviżjoni ġudizzjarja tista' ssir ukoll permezz ta'kawża għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem bħal ngħidu aħna d-dritt ta'smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dan id-dritt jiġi mqajjem biex ikunu jistgħu jiġu applikati n-normi taħt il-konvenzjoni Aarhus u regoli oħra tal-EU fuq il-parteċipazzjoni pubblika. Id-dritt għall-ħajja jista'wkoll jiġi mqajjem li jinkludi d-dritt għal ambjent b'saħħtu, u li l-att li qed jiġi attakkat jista'jkun li jmur kontra l-art.37 tad-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali li jeziġi livell għoli ta'protezzjoni ambjentali u titjib fil-kwalita tal-ambjent[3].

Il-persuna illi tiftaħ kawża bħal din trid turi interess ġuridiku dirett b'dan illi l-allegat ksur tad-drittijiet umani jolqot lilu personalment (art.46(1) Kostituzzjoni ta' Malta).[4]

**3) Qabel ma titressaq kawża l-qorti, jenħtieġ li jiġu eżawriti l-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Rimedju permezz ta'revizjoni ġudizzjarja jista' jintalab biss meta ' il-mezz li bih tista' titlob rimedju kontra att partikolari amministrattiv quddiem Qorti jew Tribunal ma jinstab fl-ebda liġi'. Dan ifisser illi jekk kien hemm xi mezz ieħor ta'rimedju dan ikun irid jiġi eżawrit qabel ma ssir azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja.

Qabel ma wieħed jiftaħ kawża kostituzzjonali, irid ikun ċert illi r-rimedji l-oħra kollha ikunu eżawriti. Il-Qorti Kostituzzjonali għandha d-diskrezzjoni però illi tiddeċiedi illi żżomm il-ġurisdizzjoni fil-kawża jekk tħoss illi r-rimedji alternattivi mhumiex aċċessibbli, adegwati, u effettivi(dawn il-prinċipji ħarġu minn Ryan Briffa vs Avukat Ġenerali dec.14 at'Marzu 2014).[5]

**4) Sabiex ikollok locus standi quddiem il-qrati nazzjonali huwa meħtieġ li tipparteċipa fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika tal-proċedura amministrattiva – li tagħmel kummenti, tipparteċipa fis-seduta, eċċ.?**

Il-partijiet jistgħu jirrikorru għall-azzjoni ta'reviżjoni ġudizzjarja jekk ikunu eżawrixxu r-rimedji kollha l-oħra. Ir-rimedju l-ieħor li jridu jeżawrixxu l-partijiet huwa dak tal-appell. L-appell jeżisti għal kull min iħossu aggravat minn deċiżjoni – mhux neċessarjament dawk li pparteċipaw fil-proċess amministrattiv. Għalhekk , jista' jingħad illi parteċipazzjoni qabel mhijiex rekwiżit.

Barra minn hekk, hemm ċirkostanzi fejn m'hemmx fażi ta'konsultazzjoni pubblika waqt proċedura amministrattiva, u għalhekk parteċipazzjoni qabel ma tkunx possibbli. Din ma tkunx ostaklu għal azzjoni ta'reviżjoni ġudizzjarja.

Jista' jkun hemm każijiet fejn m'hemmx proċedura tal-appell kontemplata (bħal meta tittieħed deċiżjoni amministrattiva minn awtorità pubblika li mhix l-ERA jew minn ministru) u b'riżultat ta'dan l-azzjoni għar-reviżjoni tkun l-unika rimedju li fadal. F'dan il-każ il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni ma titqajjimx.

Biex tidher quddiem l-EPRT u tikkontesta ċerti deċiżjonijiet, parteċipazzjoni permezz ta'reġistrazzjoni bħala terz interessat hija xi drabi meħtieġa.

**5) Hemm xi raġunijiet/argumenti preklużi mill-fażi tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Ir-raġunijiet għar-reviżjoni ġudizzjarja huma mniżżlin fir-risposta 2,2 aktar l-fuq. Huma wiesgħin ħafna – speċjalment peress illi att amministrattiv li jmur kontra l-liġi jista' jiġi attakkat. Il-medda ta'okkażjonijiet li wieħed jista' jattakka att amministrattiv tista' tagħti lok għall-interpretazzjoni illi att amministrattiv li jmur kontra l-liġi Ewropea jista''jiġi kontestat.

**6) Ġust, ekwu – dan kif jiġi applikat fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali?**

Il-kap 551 tal-liġijiet ta'Malta jiddikjara illi l-EPRT għandu jaderixxi ruħu mal-prinċipji tal-amministrazzjoni ġusta u jirrispetta d-dritt tal-partijiet għal smiegħ ġust, inkluż il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, bħal ; (i) nemo judex in causa sua u (ii) audi et alteram partem. L-EPRT għandu jassigura ugwalita fil-proċedura

bejn il-partijiet fil-proċeduri. Kull parti għandha tingħata opportunita tippreżenta l-każ tagħha sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm mingħajr l-ebda żvantaġġ. Dawn il-prinċipji jinsabu fil-Kostituzzjoni tagħna u jiġu osservati mill-Qrati tagħna. Teżisti ħafna kazistika rigward il-parita tal-armi quddiem il-Qorti u din toħroġ minn diversi oqsma tal-liġi.

**7) Kif inhu implimentat il-kunċett ta' "tempestiv" mil-leġiżlazzjoni nazzjonali?**

Meta jiġi preżentat appell minn deċiżjoni tal-ERA quddiem l-EPRT, ma jeżistux termini li fihom l-EPRT trid tasal għad-deċiżjoni tagħha. L-anqas m'hemm indikazzjoni ta'meta l-EPRT għandha tiddeċiedi rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess, awtorizzazzjoni, jew deċiżjoni li qed tiġi kontestata. M'hemmx termini li fihom il-Qrati jridu jaslu għad-deċiżjoni – li hija waħda mill-ikbar ostakoli għall-aċċess għall-ġustizzja.

Appellanti li l-appelli tagħhom ilhom quddiem l-EPRT jew il-Qrati nazzjonali għal żmien ezagerat jistgħu jiftħu kawża għal ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħhom li l-kawża għandha tinqata fi żmien raġonevoli. Din tinvolvi però spejjez oħra li l-NGO ma jistgħux iħallsu peress illi ma jibbenefikawx minn għajnuna legali.

**8) Huwa disponibbli rimedju b'mandat ta' inibizzjoni? Jekk iva, x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali sabiex tkun eliġibbli għalih? Hemm regoli speċjali applikabbli għal kull settur apparti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali ġenerali?**

Waqfien temporanju jista'jinkiseb permezz ta'mandat t'inibizzjoni, fejn il-Qorti tintalab twaqqaf persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju lil min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat. Il-Qorti ma tordnax il-ħruġ ta'dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li l-mandat huwa neċessarju biex jiġu preżervati d-drittijiet ta' min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat u li prima facie ir-rikorrent għadu d-dritt li qed jivvanta. Il-Qrati Maltin jagħtu importanza wkoll li ħsara trid tkun irrimedjabbli – jew li ma tistax tkun kumpensata bi flus. Dawn huma kriterji iebsin biex tissodisfa għax teoretikament kull azzjoni jew deċiżjoni tista'tkun revokata.

Il-Qorti trid tkun sodisfatta, li wara tisma' r-raġunijiet, jekk ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju għar-rikorrent ikun ferm agħar minn dak li kieku jitħalla jsir dak li qiegħed jintalab li jitwaqqaf.

Jekk il-Qorti tilqa't-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, ir-rikorrent irid jiftaħ kawża fi żmien 20 ġurnata. F'dan il-każ il-kawża tkun dik li titlob ir-reviżjoni ġudizzjarja. M'hemmx regoli speċjali li japplikaw.

**9) X'inhuma r-regoli tal-ispejjeż biex titressaq kontestazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'dawn l-oqsma? X'inhuma l-konsegwenzi possibbli jekk wieħed jitlef kawża quddiem il-qorti? X'inhuma s-salvagwardji kontra li l-ispejjeż ikunu projbittivi, u dawn jinkludu referenza statutorja speċifika għal rekwiżit li l-ispejjeż m'għandhomx ikunu projbittivi?**

L-ispejjeż għall-preżentata ta'mandat t'inibizzjoni fil-Qrati Ċivili jitilgħu għal 250-300 ewro fi spejjes tar-reġistru (jiddependi kemm hemm partijiet x'tinnotifika). L-ispejjeż dovuti lill-avukat u l-prokuratur legali għat-tħejjija tal-mandat iridu jiżdiedu ma'dawn. Anke jekk teżisti tariffa uffiċjali għal dawn il-ħlasijiet din ma tinkludix spejjez extra-ġudizzjarji li jistgħu jitilgħu mhux ftit.

Wara l-mandat t'inibizzjoni trid issir il-kawża għar-reviżjoni ġudizzjarja. L-ispejjeż tar-reġistru għal din il-kawża jitilgħu bejn il-200 sa 500 ewro. Hemm spejjez oħrajn involuti bħal taħrikiet ta'xhieda u ħlas t'esperti.

Il-Qorti tqassam l-ispejjeż skont ir-rebħu t-telf. Min jitlef il-kawża x'aktarx ikollu jħallas l-ispejjeż. Dawn l-ispejjeż jistgħu jitilgħu għal eluf.

M'hemm xejn fil-liġi li ma tħallix l-ispejjeż jitilgħu. Dan huwa t'ostakolu għal individwi u NGO jiffaċċjaw meta jkunu qed ifittxu ġustizzja ambjentali. Barra minn hekk min japplika għall-ħruġ ta'mandat t'inibizzjoni jaf jintalab jagħti garanzija f'każ li jista' jitlef il-kawża. Għal darb'oħra din tista' tkun ta'ostakolu għall-individwi u NGO li huma partijiet f'kawżi t'interess pubbliku.

**1.2. Deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet dwar il-proċeduri amministrattivi li għandhom jiġu segwiti għal konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-Istima Ambjentali Strateġika (SAS)[6]**

**1) X'inhuma r-regoli statutorji nazzjonali applikabbli dwar il-locus standi kemm għall-individwi kif ukoll għall-NGOs li jixtiequ jiksbu a) stħarriġ amministrattiv u b) kontestazzjoni legali quddiem qorti nazzjonali fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni tad-deċiżjoni, l-att jew l-ommissjoni (partikolarment, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati u kwalunkwe skadenzi li japplikaw għas-sottomissjoni ta' kontestazzjoni)? Kemm huwa effettiv il-livell ta' aċċess għall-qrati nazzjonali fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u ta' kwalunkwe ġurisprudenza nazzjonali relatata?**

Ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika 2010 (avviż legali 497 ta'2010 S.L.549.61) jissimplifikaw il-proċess tal-VAS f'Malta.

Skont ir-regoli min jipproponi pjanijiet fis-settur pubbliku huwa responsabbli li jagħmel SEA tal-programmi u l-pjanijiet u jirreferu għalihom bħala " awtoritajiet responsabbli. Fil-kapaċita tagħhom ta'proponenti ta'pjanijiet huma jiddeterminaw jekk hemmx bżonn ta'SEA skont kif provdut f'S.L.549.61.

Ir-regolamenti jistipulaw illi is-SEA Focal Point hija l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-regolamenti. Is-SEA focal point hija komposta minn chairperson u żewġ membri oħra. L-awtorità kompetenti tista'titlob lill-awtorita' responsabbli tagħti pjan dettaljat jew programm deskrittiv li jidentifika l-effetti fuq l-ambjent. L-awtorità kompetenti imbagħad tieħu deċiżjoni jekk hemmx bżonn SEA. Id-deċiżjoni hija finali.

Ir-regolamenti jistipulaw illi m'għandhomx ifissru illi l-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għas-SEA u li kull SEA li hemm bżonn għandu jaqa'taħt l-awtorità responsabbli.

M'hemmx provist rimedju jekk xi ħadd irid jikkontesta xi parti mis-SEA. Tista' ssir biss kawza għar-reviżjoni taħt l-art 469A quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Azzjoni għar-reviżjoni ta'atti ġudizzjarji li jmorru kontra l-Kostituzzjoni tista' tinfetaħ, flimkien ukoll jekk l-atti jinħarġu minn awtorità pubblika li mhijiex awtorizzata toħroġhom, jew meta awtorità pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew proċeduri obbligatorji fl-atti amministrattivi jew fit-tħejjija tagħhom, jew meta l-att amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tal-poter bi skopijiet illeċiti jew fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, jew meta l-att jmur kontra l-liġi. Att amministrattiv jinkludi l-ħruġ minn awtorità pubblika ta'ordnijiet, permessi, warrant, deċiżjoni jew rifjut ta'xi talba tal-appellant. Fis- xenarju tas-SEA, azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja tista' issir kontra l-awtorità responsabbli (dik li qed tipproponi), l-awtorità kompetenti (is-SEA Focal Point) u kull awtorità oħra li setgħet kienet involuta fil-proċess.

Kawża għar-reviżjoni ġudizzjarja trid tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-deċiżjoni jew azzjoni li qed tiġi attakkata, jew sitt xhur minn meta l-bniedem seta' sar jaf biha, liema jiġi l-ewwel.

Fix-xenarju meta l-awtorità responsabbli ma tipprovdix informazzjoni jekk is-SEA hijiex ser titwettaq jew le, min irid jista' jikkontesta dan in-nuqqas. M'hemmx terminu bil-liġi li fih l-Awtorità Responsabbli trid tieħu deċiżjoni jekk hijiex ser tagħmel SEA jew le. L-artiklu 469A tal-Kodiċi Ċivili jiddikjara illi fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta'awtorita' pubblika wara li rikorrent jagħmel talba bil-miktub lill-awtorità, jekk igħaddu xahrejn min-notifika din titqies bħala rifjut. F'każijiet bħal dawn, wieħed jista' jippreżenta protest ġudizzjarju fejn jinterpella lill-Awtorita'Responsabbli tieħu deċiżjoni dwar jekk hijiex ser tagħmel SEA. Jekk wara xahrejn jibqa'ma jkunx hemm risposta, din titqies bħala rifjut u tista' tiġi kontestata fi żmien sitt xhur.

NGO b'interess fl-ambjent huma konsidrati illi għandhom interess suffiċjenti għal din l-azzjoni ta'reviżjoni ġudizzjarja. L-individwi jridu juru interess ġudizzjarju dirett.

**2) X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ amministrattiv (jekk applikabbli) u tal-istħarriġ ġudizzjarju (jekk applikabbli)? Dan ikopri kemm il-legalità proċedurali kif ukoll dik sostantiva?**

Meta tiġi preżentata azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja, il-Qorti tħares lejn il-proċedura legali li biha l-azzjoni ittieħdet. Il-Qorti tista' tannulla l-azzjoni u tordna rimedju jew kompensazzjoni, pero ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-awtorità.

Waqt is-smiegħ tal-kawża għar-reviżjoni quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili, tista'issir talba għal referenza preliminari skont l-artiklu 267 tat-Trattat tal-Funzjoni tal-EU (TFEU), sabiex il-Qorti Ewropea tiddikjara jekk il-liġi nazzjonali hijiex konformi ma'dik Ewropea. Hija biss l-ogħla Qorti li hija obbligata tagħmel

din it-talba jekk tħoss li hemm bzonnha. L-ewwel Qorti għalhekk tista'tiċħad tali talba għar-referenza, f'liema każ din tista' tiġi mitluba waqt il-proċeduri quddiem l-Appell.
Ir-reviżjoni ġudizzjarja tista' ssir ukoll permezz ta'kawża għal ksur tad-drittijiet Kostituzzjonali tal-bniedem bħal ngħidu aħna d-dritt ta'smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dan id-dritt jiġi mqajjem biex ikunu jistgħu jiġu applikati n-normi taħt il-konvenzjoni Aarhus u regoli oħra tal-EU fuq il-parteċipazzjoni pubblika. Id-dritt għall-ħajja jista'wkoll jiġi mqajjem li jinkludi d-dritt għal ambjent b'saħħtu, u li l-att li qed jiġi attakkat jista'jkun li jmur kontra l-art.37 tad-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali li jeżiġi livell għoli ta'protezzjoni ambjentali u titjib fil-kwalita tal-ambjent.[7] (f'Cecil Herbert Jones vs Avukat Generali rikors 95 /2018 deċiża fil-15 ta'Frar 2019 il-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali saħħqet illi d-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali hija bbazata fuq il-prinċipju tal-effett dirett u l-Qrati nazzjonali huma obbligati jinterpretaw miżuri nazzjonali in konformi mad-dikjarazzjoni kull meta jidħlu fl-ambitu tal-liġi Ewropea. Din is-sentenza ma gietx appellata).[8]
Persuna li qed tippreżenta din il-kawża trid turi interess ġuridiku personali u li l-allegat ksur tad-drittijiet umani għandhom x'jaqsmu miegħu. Art 46(1) Kostituzzjoni ta'Malta).

**3) Qabel ma titressaq kawża l-qorti, jenħtieġ li jiġu eżawriti l-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Rimedju permezz ta'reviżjoni ġudizzjarja tista' jintalab biss meta ' il-mezz li bih tista' titlob rimedju kontra att partikolari amministrattiv quddiem Qorti jew Tribunal ma jinstab fl-ebda liġi'. Dan ifisser illi jekk kien hemm xi mezz ieħor ta'rimedju dan ikun irid jiġi eżawrit qabel ma ssir azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja.
Qabel ma wieħed jiftaħ kawża kostituzzjonali, irid ikun ċert illi r-rimedji l-oħra kollha ikunu eżawriti. Il-Qorti Kostituzzjonali għandha d-diskrezzjoni però illi tiddeċiedi illi żżomm il-ġurisdizzjoni fil-kawża jekk tħoss illi r-rimedji alternattivi mhumiex aċċessibbli, adegwati, u effettivi (dawn il-prinċipji ħarġu mid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet Ryan Briffa vs Avukat Ġenerali dec.14 at'Marzu 2014).[9]

**4) Sabiex ikollok locus standi quddiem il-qrati nazzjonali huwa meħtieġ li tipparteċipa fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika tal-proċedura amministrattiva – li tagħmel kummenti, tipparteċipa fis-seduta, eċċ.?**

Persuni u NGO li jħaddnu prinċipji ambjentali huma meqjusa illi għandhom dritt jipprezentaw azzjoni għal reviżjoni ġudizzjarja u m'hemmx bżonn li jkun hemm parteċipazzjoni fil-fażi tal-konsultazzjoni. Barra minn hekk f'każijiet illi l-Awtorita'responsabbli tonqos jew tirrifjuta illi tagħmel SEA, ma jkunx hemm possibilità ta'parteċipazzjoni anteċedenti.

**5) Huwa disponibbli rimedju b'mandat ta' inibizzjoni? Jekk iva, x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali biex tkun eliġibbli għalih? Hemm regoli speċjali applikabbli għal kull settur apparti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali ġenerali?**

Waqfien temporanju jista'jinkiseb permezz ta'mandat t'inibizzjoni, fejn il-Qorti tintalab twaqqaf persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju lil min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat. Il-Qorti ma tordnax il-ħruġ ta'dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li l-mandat huwa neċessarju biex jiġu preżervati d-drittijiet ta' min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat u li prima facie ir-rikorrent għadu d-dritt li qed jivvanta. Il-Qrati Maltin jagħtu importanza wkoll li ħsara trid tkun irrimedjabbli – jew li ma tistax tkun kumpensata bi flus. Dawn huma kriterji iebsin biex tissodisfa għax teoretikament kull azzjoni jew deċiżjoni tista'tkun revokata.
Il-Qorti trid tkun sodisfatta, li wara tisma' r-raġunijet, jekk ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju għar-rikorrent ikun ferm agħar minn dak li kieku jitħalla jsir dak li qiegħed jintalab li jitwaqqaf.
Jekk il-Qorti tilqa't-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, ir-rikorrent irid jiftaħ kawża fi żmien 20 ġurnata. F'dan il-każ il-kawża tkun dik li titlob ir-reviżjoni ġudizzjarja.

**6) X'inhuma r-regoli tal-ispejjeż biex titressaq kontestazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'dawn l-oqsma? X'inhuma l-konsegwenzi possibbli jekk wieħed jitlef kawża quddiem il-qorti? X'inhuma s-salvagwardji kontra li l-ispejjeż ikunu projbittivi u dawn jinkludu referenza statutorja speċifika għal rekwiżit li l-ispejjeż m'għandhomx ikunu projbittivi?**

L-ispejjeż għall-preżentata ta'mandat t'inibizzjoni fil-Qrati Ċivili jitilgħu għal 250-300 ewro fi spejjez tar-reġistru (jiddependi kemm hemm partijiet x'tinnotifika). L-ispejjeż dovuti lill-avukat u l-prokuratur legali għat-tħejjija tal-mandat iridu jiżdiedu ma'dawn. Anke jekk teżisti tariffa uffiċjali għal dawn il-ħlasijiet din ma tinkludix spejjez extra-ġudizzjarji li jistgħu jitilgħu mhux ftit.
Wara l-mandat t'inibizzjoni trid issir il-kawża għar-reviżjoni ġudizzjarja. L-ispejjeż tar-reġistru għal din il-kawża jitilgħu bejn il-200 sa 500 ewro. Hemm spejjez oħrajn involuti bħal taħrikiet ta'xhieda u ħlas t'esperti.
Il-Qorti tqassam l-ispejjeż skont ir-rebħu t-telf. Min jitlef il-kawża x'aktarx ikollu jħallas l-ispejjeż. Dawn l-ispejjeż jistgħu jitilgħu għal eluf.
M'hemm xejn fil-liġi li ma tħallix l-ispejjeż jitilgħu. Dan huwa t'ostakolu għal individwi u NGO jiffaċċjaw meta jkunu qed ifittxu ġustizzja ambjentali. Barra minn hekk min japplika għall-ħruġ ta'mandat t'inibizzjoni jaf jintalab jagħti garanzija f'każ li jista' jitlef il-kawża. Għal darb'oħra din tista' tkun ta'ostakolu għall-individwi u NGO li huma partijiet f'kawżi t'interess pubbliku.

### 1.3. Id-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet li jikkonċernaw il-proċeduri amministrattivi li għandhom jiġu segwiti għal konformità mar-rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fir-rigward ta' pjanijiet u programmi mhux sottomessi għall-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 2001/42/KE dwar l-Istima Ambjentali Strateġika (SAS)[10]

**1) X'inhuma r-regoli statutorji nazzjonali applikabbli dwar il-locus standi kemm għall-individwi kif ukoll għall-NGOs li jixtiequ jiksbu a) stħarriġ amministrattiv u b) kontestazzjoni legali quddiem qorti nazzjonali fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni tad-deċiżjoni, l-att jew l-ommissjoni (partikolarment, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati u kwalunkwe skadenzi li japplikaw għas-sottomissjoni ta' kontestazzjoni)? Kemm huwa effettiv il-livell ta' aċċess għall-qrati nazzjonali fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u ta' kwalunkwe ġurisprudenza nazzjonali relatata?**

Il-pjanijiet u l-programmi li mhux neċessarjament huma soġġetti għas-SEA pero li xorta huma soġġetti għal konsultazzjoni pubblika jinkludu dawn;
L-**Istrateġija Nazzjonali Għall-Ambjent** – dokument strateġiku tal-gvern li jħejji qafas ta'policy għall-preparazzjoni ta'pjanijiet, politika u programmi maħruġin taħt L-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (kap.549 tal-Liġijiet ta'Malta) jew taħt kwalunkwe att ieħor għall-protezzjoni u manutenzjoni sostenibbli tal-ambjent, inkluż riżorsi tal-art u tal-baħar. Fit-tfassil ta'Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent, il-Ministru tal-Ambjent għandu josserva;
il-policies ambjentali u r-Rapport Dwar l-Istat tal-Ambjent;
il-policies ekonomiċi u finanzjarji kurrenti
is-policies soċjali kurrenti
il-policies tal-Gvern;
il-kwistjonijiet ambjentali u materja oħra relevanti għall-istrateġija.
ir-riżorsi li jista' ikollhom l-entitajiet governattivi relevanti kollha għall-implementazzjoni tal-istrateġija; u
L-Acquis Ambjentali tal-Unjoni Ewropeja u l-obbligi konvenzjonali ambjentali kollha li tagħhom Malta tista'tkun firmatarja.
L-ERA tipprepara Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent wara li tikkonsulta mal-entitajiet relevanti sew pubbliċi jew le.
Waqt it-tħejjija tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent il-Ministru għandu jinforma lill-pubbliku dwar is-suġġetti li qed jiġu kunsiderati u jagħti opportunita xierqa lill-individwi u organizzazzjonijiet jagħmlu rappreżentazzjonijet. Meta Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent tiġi konkluża, il-Ministru għandu jippubblika l-istess, flimkien ma'lista tar-rakkomandazzjonijiet magħmula kif ukoll ir-risposti mibgħuta lil min għamilhom. Osservazzjonijiet fuq l-istrateġija għandhom jintbagħtu fi

żmien speċifikat ta'mhux inqas minn sitt ġimgħat. Fi tmiem dan il-perjodu ta'konsultazzjoni, din l-Istrateġija tal-Ambjent tiġi diskussa mill-kabinett tal-Ministri, flimkien mal-pożizzjoni meħuda mill-Ministru tal-Ambjent u r-rapprezentazzjonijet magħmula fir-rigward tal-istrateġija. Din l-Istrateġija tal-Ambjent jew revizjoni tagħha flimkien mal-pożizzjoni tal-Ministru jitqiegħdu fuq il-mejda tal-parlament għall-approvazzjoni.

Issir konsultazzjoni pubblika wkoll fuq abbozzi ta'regoli maħruġin mill-Ministru tal-Ambjent taħt il-kap 549 kif imsemmi fl-art.55.

Hemm proċess simili ta'konsultazzjoni għat-tħejjija ta'pjanijiet u politika ma'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent, taħt l-art 51 tal-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. Hemm perjodu ta' konsultazzjoni ta'sitt ġimgħat meta jkunu qed jiġu preparati pjanti jew policies jew xi tibdil sinjifikanti fihom.

Ir-**Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi** (S.L.549.41) jipprovdu għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku waqt il-proċess ta'tħejjija ta' ċerti pjanijiet u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent. Ir-regoli jiddikjaraw illi l-ERA hija l-awtorita' kompetenti li għandha tagħti lill-pubbliku opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipaw fit-tħejjija jew modifika ta'pjanijiet jew programmi taħt is-segwenti liġijiet;

Regolamenti dwar Maniġġjar ta'Skart (Batteriji u Akkumulaturi)(S.L. 549.5)

Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja S.L.549.25

Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Madwar S.L.549.59.

L-ERA għandha tassigura illi jkun hemm mekkaniżmu fis-seħħ kif ordnat fi-regolamenti biex jiġi nfurmat il-pubbliku fuq id-deċiżjonijiet meħuda u kif waslu għalihom inkluż informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

Fir-rigward ta'reviżjoni amministrattiva tal-proċeduri fuq imsemmija, l-artiklu 63 tal-Kap 549 jiddikjara illi kull parti tista''tappella minn kull deċiżjoni tal-Awtorita' lill-EPRT skont ir-regoli tal-Att tal-EPRT u regoli oħra magħmula taħtu. L-art 47 tal-kap 551 jawtorizza appelli minn kulħadd u kull persuna tista''tappella deċiżjoni tal-ERA għal dak li hu studji ta'Impatt Ambjentali, aċċess għall-informazzjoni u prevenzjoni u tiswija ta'ħsara ambjentali. Appell bħal dan ma jkunx jirrikjedi interess ġuridiku.

Għal dak li hu interess, ukoll jekk il-bżonn ta'interess ġuridiku għadu jeżisti, il-Qrati tagħna m'għadhomx jagħtu interpretazzjoni restrittiva. Sentenzi reċenti qed jagħtu Locus Standi lill-ENGO bħala li jippossjedu interess ġuridiku. Wara deċiżjoni riċenti tal-Qorti tal-Appell miftuħa mir-Ramblers of Malta ENGO[11] ġie aċċettat illi l-NGO għandhom dritt legali. Li għadu mhuwiex ċar hu jekk individwu jgawdix mill-istess drittijiet biex jikkontesta l-istess.

**2) X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ amministrattiv (jekk applikabbli) u tal-istħarriġ ġudizzjarju (jekk applikabbli)? Dan ikopri kemm il-legalità proċedurali kif ukoll dik sostantiva?**

Fir-reviżjoni ġudizzjarja azzjonijiet amministrattivi jistgħu jiġu kontestati meta jiksru l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni, jew meta jsiru minn awtorità pubblika li m' għandhiex il-poter li toħroġhom, jew meta l-awtorità pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ('nemo iudex in causa propria' u 'audi alteram partem') , jew dawk tal-proċedura meta tittieħed id-deċiżjoni jew fit-tħejjija tagħha, jew l-att amministrattiv jinvolvi abbuż tal-poter tal-awtorità pubblika peress illi jkun sar għal skopijiet illeċiti jew fuq bażi ta'konsiderazzjonijiet irrilevanti ; jew dan l-att imur kontra l-liġi (inkluż liġi Ewropea).

Waqt is-smiegħ tal-kawża għar-reviżjoni quddiem il-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili, tista''issir talba għal referenza preliminari skont l-artiklu 267 tat-Trattat tal-Funzjoni tal-EU (TFEU), sabiex il-Qorti Ewropea tiddikjara jekk il-liġi nazzjonali hijiex konformi ma'dik Ewropea. Hija biss l-ogħla Qorti li hija obbligata tagħmel din it-talba jekk tħoss li hemm bzonnha. L-ewwel Qorti għalhekk tista'tiċħad tali talba għar-referenza, f'liema kaz din tista' tiġi mitluba waqt il-proċeduri quddiem l-Appell.

Ir-reviżjoni ġudizzjarja tista' ssir ukoll permezz ta'kawża għal ksur tad-drittijiet Kostituzzjonali tal-bniedem bħal ngħidu aħna d-dritt ta'smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli. Dan id-dritt jiġi mqajjem biex ikunu jistgħu jiġu applikati n-normi taħt il-konvenzjoni Aarhus u regoli oħra tal-EU fuq il-parteċipazzjoni pubblika. Id-dritt għall-ħajja jista 'wkoll jiġi mqajjem li jinkludi d-dritt għal ambjent b'saħħtu, u li l-att li qed jiġi attakkat jista''jkun li jmur kontra l-art.37 tad-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali li jesiġi livell għoli ta'protezzjoni ambjentali u titjib fil-kwalità tal-ambjent.(f'Cecil Herbert Jones vs Avukat Ġenerali rikors 95/2018 deċiża fil-15 ta'Frar 2019 il-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali saħħqet illi d-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali hija bbazata fuq il-prinċipju tal-effett dirett u l-Qrati nazzjonali huma obbligati jinterpretaw mizuri nazzjonali in konformi mad-dikjarazzjoni kull meta jidħlu fl-ambitu tal-liġi Ewropea[12]. Din is-sentenza ma ġietx appellata).

Persuna li qed tippreżenta din il-kawża trid turi interess ġuridiku personali u li l-allegat ksur tad-drittijiet umani għandhom x'jaqsmu miegħu. Art 46(1) Kostituzzjoni ta'Malta).[13]

**3) Qabel ma titressaq kawża l-qorti, jenħtieġ li jiġu eżawriti l-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Rimedju permezz ta'revizjoni ġudizzjarja jista' jintalab biss meta ' il-mezz li bih tista' titlob rimedju kontra att partikolari amministrattiv quddiem Qorti jew Tribunal ma jinstab fl-ebda liġi'. Dan ifisser illi jekk kien hemm xi mezz ieħor ta'rimedju dan ikun irid jiġi eżawrit qabel ma ssir azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja.

Qabel ma wieħed jiftaħ kawża kostituzzjonali, irid ikun ċert illi r-rimedji l-oħra kollha ikunu eżawriti. Il-Qorti Kostituzzjonali għandha d-diskrezzjoni però illi tiddeċiedi illi żżomm il-ġurisdizzjoni fil-kawża jekk tħoss illi r-rimedji alternattivi mhumiex aċċessibbli, adegwati, u effettivi(dawn il-prinċipji ħarġu minn Ryan Briffa vs Avukat Ġenerali dec.14 at'Marzu 2014).[14]

**4) Sabiex ikollok locus standi quddiem il-qrati nazzjonali huwa meħtieġ li tipparteċipa fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika tal-proċedura amministrattiva – li tagħmel kummenti, tipparteċipa fis-seduta, eċċ.?**

Alavolja m'hemmx proċedura fil-liġi biex tattakka azzjonijiet jew nuqqasijiet tal-awtoritajiet waqt proċeduri taħt l-Att tal-Protezzjoni Ambjentali jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi, hemm regoli kif fuq spjegat għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

Peress illi l-partijiet jistgħu jirrikorru għall-azzjoni ta'reviżjoni ġudizzjarja biss jekk ġew eżawriti r-rimedji kollha l-oħra, jista' jingħad illi n-nuqqas ta' parteċipazzjoni waqt il-konsultazzjoni pubblika tista''teskludi l-possibilità ta'reviżjoni ġudizzjarja.

L-azzjoni għar-reviżjoni ġudizzjarja tista''tinfetaħ ukoll meta l-awtorità responsabbli tirrifjuta illi tagħmel konsultazzjoni pubblika, jew minħabba irregolaritajiet proċedurali ma dak li għandu x'jaqsam ma' mal-eżerċizzju ta'konsultazzjoni pubblika. F'dawn il-każijiet jiġi preżunt illi reviżjoni ġudizzjarja tkun għadha possibbli.

**5) Huwa disponibbli rimedju b'mandat ta' inibizzjoni? Jekk iva, x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali biex tkun eliġibbli għalih? Hemm regoli speċjali applikabbli għal kull settur apparti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali ġenerali?**

M'hemmx proviżjoni statutorja jew mekkaniżmi għall-ħruġ ta'Inibizzjoni fl-att Tal-Protezzjoni ta-Ambjent jew fir-Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi. Hemm biss il-liġi ġenerali għall-ħruġ ta'mandat t'inibizzjoni u skont il-kap 551 wieħed jista' jitlob is-sospensjoni tad-deċiżjoni quddiem l-EPRT kif ġa diskuss.

**6) X'inhuma r-regoli tal-ispejjeż biex titressaq kontestazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'dawn l-oqsma? X'inhuma l-konsegwenzi possibbli jekk wieħed jitlef kawża quddiem il-qorti? X'inhuma s-salvagwardji kontra li l-ispejjeż ikunu projbittivi u dawn jinkludu referenza statutorja speċifika għal rekwiżit li l-ispejjeż m'għandhomx ikunu projbittivi?**

L-ispejjeż għall-preżentata ta'mandat t'inibizzjoni fil-Qrati Ċivili jitilgħu għal 250-300 ewro fi spejjez tar-reġistru (jiddependi kemm hemm partijiet x'tinnotifika). L-ispejjeż dovuti lill-avukat u l-prokuratur legali għat-tħejjija tal-mandat iridu jiżdiedu ma'dawn. Anke jekk teżisti tariffa uffiċjali għal dawn il-ħlasijiet din ma tinkludix spejjez extra-ġudizzjarji li jistgħu jitilgħu mhux ftit.

Wara l-mandat t'inibizzjoni trid issir il-kawża għar-reviżjoni ġudizzjarja. L-ispejjeż tar-reġistru għal din il-kawża jitilgħu bejn il-200 sa 500 ewro. Hemm spejjez oħrajn involuti bħal taħrikiet ta'xhieda u ħlas t'esperti. Hemm ukoll spejjez oħra fejn jidħlu notifiki pubblikazzjonijiet għall-fini ta'notifika li kollha iridu jitħallsu mir-rikorrenti.

Il-Qorti tqassam l-ispejjeż skont ir-rebħu t-telf. Min jitlef il-kawża x'aktarx ikollu jħallas l-ispejjeż. Dawn l-ispejjeż jistgħu jitilgħu għal eluf.

M'hemm xejn fil-liġi li ma tħallix l-ispejjeż jitilgħu. Dan huwa t'ostakolu għal individwi u NGO jiffaċċjaw meta jkunu qed ifittxu ġustizzja ambjentali. Barra minn hekk min japplika għall-ħruġ ta'mandat t'inibizzjoni jaf jintalab jagħti garanzija f'każ li jista' jitlef il-kawża. Għal darb'oħra din tista' tkun ta'ostakolu għall-individwi u NGO li huma partijiet f'kawżi t'interess pubbliku.

**1.4. Id-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet li jikkonċernaw ukoll pjanijiet u programmi li jeħtieġ li jitħejjew skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE[15]**

**1) X'inhuma r-regoli statutorji nazzjonali applikabbli dwar il-locus standi kemm għall-individwi kif ukoll għall-NGOs li jixtiequ jiksbu a) stħarriġ amministrattiv u b) kontestazzjoni legali quddiem qorti nazzjonali fir-rigward tal-kontenut tal-pjan (b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati u kwalunkwe skadenzi li japplikaw għas-sottomissjoni ta' kontestazzjoni)? Kemm huwa effettiv il-livell ta' aċċess għall-qrati nazzjonali fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u ta' kwalunkwe ġurisprudenza nazzjonali relatata?**

Dawn li ġejjin huma kollha eżempji ta'leġiżlazzjoni nazzjonali li hemm bzonnha skont id-direttivi tal-EU u li jeħtieġu pjanijiet u programmi;

Ir-Regolamenti dwar Valutazzjoni u Maniġġjar ta'Ħsejjes fl-Ambjent (S.L. 549.37)- jeħtieġu pjan t'azzjoni.

Ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni Tal-Flora Fawna u Ambjenti Naturali (S.L.549.77)- jipprovdu għat-tfassil ta' pjanijiet ta'mmaniġjar u azzjoni għall-konservazzjoni ta'speċji u abitati protetti.

Ir-regolamenti dwar il-kwalità' tal-arja tal-madwar.(S.L.549.59)- jipprovdu għal pjan t'azzjoni għall-kwalita' tal-arja.

Ir-Regolamenti dwar l-Iskart (S.L.549.63) -jipprovdu għat-tfassil ta'mmaniġjar tal-iskart.

Ir-Regolamenti dwar Pjan ta'Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma – jipprovdu għat-tfassil ta'pjan għall-ġbir tal-ilma.

Ir-regolamenti fuq imsemmija jipprovdu għat-tixrid ta'informazzjoni mal-pubbliku u l-parteċipazzjoni waqt it-tfassil tal-pjanijiet.

L-unika reviżjoni amministrattiva possibbli f'dawn il-każijiet huwa appell minn deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, l-ERA li tkun saret waqt l-eżerċizzju tal-konsultazzjoni pubblika jew l-eżerċizzju preparattiv li jwassal li jwassal għall-pubblikazzjoni tal-pjan u mhux il-kontenut tal-pjan innifsu.

l-Art.63 tal-Kap 549 jiddikjara illi min iħossu aggravat jista' jappella minn deċiżjoni tal-Awtorita' quddiem l-EPRT skont i-regoli tal-att tal-EPRT. L-artiklu 47 tal-kap 551 jawtorizza appelli minn min iħossu aggravat, u jispeċifika li kull persuna tista' tappella kull deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi fejn jidħlu biss studji ambjentali, aċċess għall-informazzjoni fuq l-ambjent u l-prevenzjoni u t-tiswija tal-ħsara ambjentali.

Appell lill-EPRT jista' jsir għal kwalunkwe raġuni inkluż;

meta jsir żball fuq il-fatti;

meta jsir żball fuq il-proċedura;

meta jsir żball ta'liġi;

meta jkun hemm illegalita, nuqqas ta'raġuni, nuqqas ta'konsiderazzjoni ta'fatti kuntrarji, jew nuqqas ta'proporzjonalita.

Skont il-liġi appell għandu jiġi ppreżentat quddiem l-EPRT fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fuq il-website tad-dipartiment tal-informazzjoni. Fil-każ ta'deċiżjonijiet li ma jridux jiġu ppubblikati l-appell jiġi ppreżentat quddiem l-EPRT fi żmien 30 ġurnata mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni. Dan it-terminu mhuwiex ċar meta jiskatta peress illi m'hemm xejn ipprovdut dwar il-proċedura tal-pubblikazzjoni u n-notifika tad-deċiżjoni. Kull persuna tista' tappella inkluż NGO mingħajr il-bżonn ta'interess ġuridiku. Hemm ukoll appell mid-deċiżjoni tal-EPRT lill-Qorti tal-Appell li jrid isir fi żmien 20 ġurnata mid-deċiżjoni tal-EPRT.

M'hemmx l-ebda forma ta'reviżjoni ġudizzjarja mill-kontenut ta'pjan ippublikat li għandu l-istess saħħa ta'att leġislattiv.

**2) Il-forma li fiha l-pjan jew il-programm huwa adottat tagħmel differenza f'termini ta' locus standi (ara wkoll it-Taqsima 2.5 hawn taħt)?**

Peress illi l-pjan jew programm għandhom is-saħħa ta'liġi m'hemm l-ebda proċedura ġudizzjarja biex tattakkaha.

**3) X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ amministrattiv (jekk applikabbli) u tal-istħarriġ ġudizzjarju (jekk applikabbli)? Dan ikopri kemm il-legalità proċedurali kif ukoll dik sostantiva?**

L-iskop ta'reviżjoni amministrattiva waqt l-eżerċizzju li jwassal għat-twettiq ta'pjanijiet u programmi hu deskritt iżjed il-fuq. M'hemmx reviżjoni ġudizzjarja tal-pjan jew programm ippubblikat.

**4) Qabel ma titressaq kawża l-qorti, jenħtieġ li jiġu eżawriti l-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Ir-reviżjoni ġudizzjarja mhix applikabbli.

**5) Sabiex ikollok locus standi quddiem il-qrati nazzjonali huwa meħtieġ li tipparteċipa fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika tal-proċedura amministrattiva – li tagħmel kummenti, tipparteċipa fis-seduta, eċċ.?**

Ir-reviżjoni ġudizzjarja mhix applikabbli.

**6) Hemm xi raġunijiet/argumenti preklużi (mhux aċċettati) fil-fażi tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Ir-reviżjoni ġudizzjarja mhix applikabbli.

**7) Ġust, ekwu – dan kif jiġi applikat fil-ġuriżdizzjoni nazzjonali?**

**8) Kif inhu implimentat il-kunċett ta' "tempestiv" mil-leġiżlazzjoni nazzjonali?**

**9) Huwa disponibbli rimedju b'mandat ta' inibizzjoni? Jekk iva, x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali biex tkun eliġibbli għalih? Hemm regoli speċjali applikabbli għal kull settur apparti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali ġenerali?**

**10) X'inhuma r-regoli tal-ispejjeż biex titressaq kontestazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'dawn l-oqsma? X'inhuma l-konsegwenzi possibbli jekk wieħed jitlef kawża quddiem il-qorti? X'inhuma s-salvagwardji kontra li l-ispejjeż ikunu projbittivi u dawn jinkludu referenza statutorja speċifika għal rekwiżit li l-ispejjeż m'għandhomx ikunu projbittivi?**

**1.5. Ir-regolamenti eżekuttivi u/jew l-istrumenti normattivi ġeneralment applikabbli u legalment vinkolanti użati biex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u atti regolatorji tal-UE relatati[16]**

**1) X'inhuma r-regoli statutorji nazzjonali applikabbli dwar il-locus standi kemm għall-individwi kif ukoll għall-NGOs li jixtiequ jiksbu a) stħarriġ amministrattiv u b) kontestazzjoni legali quddiem qorti nazzjonali fir-rigward tal-proċedura għall-adozzjoni jew il-kontenut tad-deċiżjoni, l-att jew l-ommissjoni tal-att regolatorju nazzjonali (partikolarment, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti u kwalunkwe skadenzi li japplikaw għas-sottomissjoni ta' kontestazzjoni)? Kemm huwa effettiv il-livell ta' aċċess għall-qrati nazzjonali fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u ta' kwalunkwe ġurisprudenza nazzjonali relatata?**

Jekk ir-regolamenti jew l-istrumenti legali isiru liġi m'hemmx possibilità ta'reviżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja taħt l-art.469A kap 12 tal-liġijiet ta'Malta, għax dawn huma rimedji riżervati għall-atti amministrattivi kif deskritti.

Dawn ir-regoli jew liġijiet jistgħu jiġu attakkati permezz ta'rikors għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, jew taħt l-art.46 tal-Kostituzzjoni. F'dan il-każ kemm l-individwu kif ukoll l-NGO li qed li jiftħu l-kawża iridu jippruvaw illi l-ksur tad-dritt jaffettwa lilhom.

**2) X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ amministrattiv (jekk applikabbli) u tal-istħarriġ ġudizzjarju (jekk applikabbli)? Dan ikopri kemm il-legalità proċedurali kif ukoll dik sostantiva?**

Il-Qorti Kostituzzjonali meta tiddeċiedi fuq allegat ksur ta'drittijiet umani tikkunsidra kemm il-legalita proċedurali kif ukoll dik sostanzjali tat-talba.

**3) Qabel ma titressaq kawża l-qorti, jenħtieġ li jiġu eżawriti l-proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv qabel ma wieħed jirrikorri għall-proċeduri tal-istħarriġ ġudizzjarju?**

Meta jippreżenta kawża kostituzzjonali, dak li jkun irid ikun ipprevalixxa ruħu minn kull rimedju ieħor. Il-Qorti Kostituzzjonali però għandha diskrezzjoni fuq dan il-mertu u tista' tiddeċiedi tkompli tisma' l-kawża jekk tqis ir-rimedji l-oħra mhux adegwati.

**4) Sabiex ikollok locus standi quddiem il-qrati nazzjonali huwa meħtieġ li tipparteċipa fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika tal-proċedura amministrattiva – li tagħmel kummenti, tipparteċipa fis-seduta, eċċ.?**

Meta wieħed jippreżenta kawża kostituzzjonali idealment ikun eżawrixxa r-rimedji kollha l-oħra. Pero' fil-każ ta'ksur ta'drittijiet umani il-Qorti ma tidħolx fil-mertu tal-parteċipazzjoni.

**5) Huwa disponibbli rimedju b'mandat ta' inibizzjoni? Jekk iva, x'inhuma r-rekwiżiti proċedurali biex tkun eliġibbli għalih? Hemm regoli speċjali applikabbli għal kull settur apparti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali ġenerali?**

Wieħed jista'japplika għall-ħruġ ta'mandat ta'Inibizzjoni. L-ispejjeż għall-preżentata ta'mandat t'inibizzjoni fil-Qrati Ċivili jitilgħu għal 250-300 ewro fi spejjeż tar-reġistru (jiddependi kemm hemm partijiet x' tinnotifika).

L-ispejjeż dovuti lill-avukat u l-prokuratur legali għat-tħejjija tal-mandat iridu jiżdiedu ma'dawn. Anke jekk teżisti tariffa uffiċjali għal dawn il-ħlasijiet din ma tinkludix spejjeż extra-ġudizzjarji li jistgħu jitilgħu mhux ftit.

Wara l-mandat t'inibizzjoni trid issir il-kawża għar-reviżjoni ġudizzjarja. L-ispejjeż tar-reġistru għal din il-kawża jitilgħu bejn il-200 sa 500 ewro. Hemm spejjeż oħrajn involuti bħal taħrikiet ta'xhieda u ħlas t'esperti. Hemm ukoll spejjeż oħra fejn jidħlu notifiki pubblikazzjonijiet għall-fini ta'notifika li kollha iridu jitħallsu mir-rikorrenti.

**6) X'inhuma r-regoli tal-ispejjeż biex titressaq kontestazzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'dawn l-oqsma? X'inhuma l-konsegwenzi possibbli jekk wieħed jitlef kawża quddiem il-qorti? X'inhuma s-salvagwardji kontra li l-ispejjeż ikunu projbittivi u dawn jinkludu referenza statutorja speċifika għal rekwiżit li l-ispejjeż m'għandhomx ikunu projbittivi?**

Il-Qorti tqassam l-ispejjes skont ir-rebħu t-telf. Min jitlef il-kawża x'aktarx ikollu jħallas l-ispejjeż. Dawn l-ispejjeż jistgħu jitilgħu għal eluf.

M'hemm xejn fil-liġi li ma tħallix l-ispejjeż jitilgħu. Dan huwa t'ostakolu għal individwi u NGO jiffaċċjaw meta jkunu qed ifittxu ġustizzja ambjentali. Barra minn hekk min japplika għall-ħruġ ta'mandat t'inibizzjoni jaf jintalab jagħti garanzija f'każ li jista' jitlef il-kawża. Għal darb'oħra din tista' tkun ta'ostakolu għall-individwi u NGO li huma partijiet f'kawżi t'interess pubbliku.

**7) Huwa possibbli li tressaq kontestazzjoni legali quddiem qorti nazzjonali dwar kwalunkwe att regolatorju tal-UE relatat bil-ħsieb ta' referenza ta' validità skont l-Artikolu 267 TFUE, u jekk iva kif?[17]**

M'hemmx proċedura legali għal talba bħal din. L-individwu jista' jitlob referenza preliminari lill-CJEU fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri skont l-art 267 tat-TFEU li japplika għal Malta bis-saħħa tal-kap 460. Il-proċedura hija regolata wkoll mir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni (S.L. 12.09).

---

[1] Din il-kategorija ta' kawżi tirrifletti l-ġurisprudenza reċenti tal-QĠUE bħal: Protezzjoni C-664/15 (EU:C:2017:987), il-każ tal-ors kannella Slovakk C-240/09 (EU:C:2011:125), ara kif deskritt fl-Avviż tal-Kummissjoni C/2017/2616 dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, ĠU C 275, 18.8.2017, p. 1.

[2] (Flimkien Għal Ambjent Aħjar vs Dr.Christopher Ciantar pro et noe 75/07).

[3] (f'Cecil Herbert Jones vs Avukat Ġenerali rikors 95/2018 deċiża fil-15 ta'Frar 2019 il-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali saħqet illi d-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali hija bbazata fuq il-prinċipju tal-effett dirett u l-Qrati nazzjonali huma obbligati jinterpretaw miżuri nazzjonali in konformi mad-dikjarazzjoni kull meta jidħlu fl-ambitu tal-liġi Ewropea. Din is-sentenza ma ġietx appellata).

[4] L-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

[5] Dawn il-prinċipji ġew iddikjarati f'Ryan Briffa –v- Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Marzu 2014.

[6] Id-Direttiva SAS tirrigwarda pjanijiet u programmi. Dawn huma koperti wkoll mill-Artikolu 7 u l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

[7] (f'Cecil Herbert Jones vs Avukat Ġenerali rikors 95/2018 deċiża fil-15 ta'Frar 2019 il-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali saħqet illi d-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali hija bbazata fuq il-prinċipju tal-effett dirett u l-Qrati nazzjonali huma obbligati jinterpretaw miżuri nazzjonali in konformi mad-dikjarazzjoni kull meta jidħlu fl-ambitu tal-liġi Ewropea. Din is-sentenza ma ġietx appellata).

[8] L-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

[9] Dawn il-prinċipji ġew iddikjarati f'Ryan Briffa –v- Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Marzu 2014.

[10] Ara l-konstatazzjonijiet taħt ACCC/C/2010/54 għal eżempju ta' pjan mhux sottomess għal SAS iżda suġġett għar-rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

[11] 228/2010, Is-Socjeta "The Ramblers Association of Malta vs. L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent-u-Ippjanar [Prim' Awla, Qorti Ċivili] 6 ta' Marzu 2012 (kawża Ramblers, Qorti tal-Prim' Istanza). Il-każ ġie appellat f'Is-Socjeta 'The Rambers' Association of Malta vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjenent u l-Ippjanar et [Qorti tal-Appell Ċivili, Superjuri] 27 ta' Mejju 2016. (Kawża Ramblers, Qorti tal-Appell)

[12] (f'Cecil Herbert Jones vs Avukat Ġenerali rikors 95/2018 deċiża fil-15 ta'Frar 2019 il-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali saħqet illi d-Dikjarazzjoni Tad-Drittijiet Umani Fundamentali hija bbazata fuq il-prinċipju tal-effett dirett u l-Qrati nazzjonali huma obbligati jinterpretaw miżuri nazzjonali in konformi mad-dikjarazzjoni kull meta jidħlu fl-ambitu tal-liġi Ewropea. Din is-sentenza ma ġietx appellata).

[13] L-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

[14] Dawn il-prinċipji ġew iddikjarati f'Ryan Briffa –v- Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Marzu 2014.

[15] Dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni kemm tal-Artikolu 7 kif ukoll tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Ara wkoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħall-Kawża C-237/97, Janecek u kawżi bħal Boxus u Solvay C-128/09-C-131/09 u C-182/10, kif imsemmi fl-Avviż tal-Kummissjoni C/2017/2616 dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

[16] Atti bħal dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni kemm tal-Artikolu 8 kif ukoll tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Eżempju ta' att bħal dan jikkonċerna d-deċiżjoni tal-amministrazzjoni nazzjonali li dehret fil-Kawża C-281/16, *Vereniging Hoekschewaards Landschap*, ECLI:EU:C:2017:774

[17] Għal eżempju ta' tali referenza preliminari ara l-Kawża C-281/16, Vereniging Hoekschewaards Landschap, ECLI:EU:C:2017:774

L-aħħar aġġornament: 03/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Regoli rilevanti oħra dwar appelli, rimedji u aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

L-unika triq legali li tista' tintuża meta l-istat jonqos milli jipprovdi aċċess adegwat għall-ġustizzja hija li jsir rikors għal ksur tad-drittijiet umani. F'dan ir-rigward għandha tingħata attenzjoni lis-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali, fejn il-Qorti saħqet illi l-istat għandu l-obbligu jissalvagwardja id-dritt tal-ħajja tal-bniedem u li ma jkunx soġġett għall-vjolenza domestika[1]. Il-Qorti iddikjarat f'dan il-każ illi l-mara ma kellhiex rimedju effettiv. Dan ir-raġjunar jista' jiġi estiż possibilment għall-kamp ambjentali permezz ta'interpretazzjoni wiesgħa tad-dritt ta'ħajja u d-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta u ħajja tal-familja.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' sanzjonijiet fejn jidħlu non osservanza ta'sentenzi u ordnijiet tal-Qrati, hemm l-Art 997 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kap 12). Dan jiddikjara li azzjoni jew omissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, wieħed jista' jeħel sa xahar ħabs u multa minn (232.94 ewro) sa mhux aktar minn (2,329.37 ewro) jew it-tnejn.

---

[1] https://timesofmalta.com/articles/view/state-found-guilty-of-failing-to-protect-woman-from-abuse.783923

L-aħħar aġġornament: 03/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.